European Commission

# Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità

## Sottogrupp għad-*Data* dwar l-Ugwaljanza

## Nota ta' gwida dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika

*Il-Ġustizzja u l-Konsumaturi*

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi
Id-Direttorat D – Ugwaljanza fl-Opportunitajiet Indaqs u Ċittadinanza tal-Unjoni
Unità D1 - Nondiskriminazzjoni u Koordinazzjoni tar-Rom
*Il-Kummissjoni Ewropea*

*B-1049 Brussell*

# Nota ta' gwida

# dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika

*Il-Kummissjoni tixtieq tesprimi l-gratitudni tagħha lill-FRA għall-kontribut estensiv tagħha fl-iżvilupp ta' din in-nota ta' gwida, filwaqt li tibbaża fuq it-tagħrif u l-għarfien espert estensivi tagħha*

Manuskritt li tlesta f’Settembru 2021

| | | | |
|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-76-40989-2 | doi: 10.2838/183238 | DS-01-21-144-MT-N |

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© L-Unjoni Ewropea, 2021

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta’ Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta’ dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Sakemm ma jiġix innotat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta’ dan id-dokument huwa awtorizzat taħt liċenzja ta’ Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess dment li jingħata kreditu xieraq u li tiġi indikata kwalunkwe bidla.

# Nota ta' gwida dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika

## Werrej


Preambolu ..... 7

Sfond u għan ta' din il-gwida ..... 8

Ħtieġa ta' *data* għal għażliet ta' politika infurmati ..... 9

Dwar il-kunċett ta' "oriġini razzjali jew etnika" ..... 10

X'inhi "*data* dwar l-ugwaljanza"? ..... 11

Għan u struttura tan-nota ta' gwida ..... 12

1. Immappja s-sorsi tad-*data* eżistenti li jipprovdu informazzjoni dwar l-oriġini razzjali jew etnika (inklużi l-kategoriji applikati u d-definizzjonijiet sottostanti tagħhom) ..... 15

Raġuni ..... 15

Gwida ..... 15

Eżempji ta' prattika nazzjonali ..... 17

2. Wettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti (potenzjali) tad-*data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika ..... 18

Raġuni ..... 18

Gwida ..... 18

Eżempji ta' prattika nazzjonali ..... 19

3. Allinja d-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u l-kategorizzazzjonijiet relatati mal-oriġini razzjali jew etnika u integra d-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika fl-istħarriġiet tal-UE u nazzjonali ..... 21

Raġuni ..... 21

Gwida ..... 21

Eżempji ta' prattiki nazzjonali ..... 23

Eżempji minn approċċi li l-korpi għall-ugwaljanza jieħdu sabiex itejbu l-armonizzazzjoni ..... 25

4. Iġbor u uża d-*data* dwar l-ugwaljanza f'konformità sħiħa mar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mar-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* ..... 25

Raġuni ..... 25

Gwida ..... 26

Eżempji ta' prattika nazzjonali ..... 27

5. Iġbor (kif għandek tiġbor) l-informazzjoni dwar l-awtoidentifikazzjoni abbażi tal-"oriġini razzjali jew etnika" ..... 28

Raġuni ..... 28

Gwida ..... 29

Eżempji ta' prattika nazzjonali ........ 32
Eżempji minn stħarriġiet mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) ........ 34
6. Użu ta' informazzjoni indikattiva meta tinġabar *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika (meta l-awtoidentifikazzjoni ma tkunx possibbli) ........ 36
Raġuni ........ 36
Sfidi ........ 37
Gwida ........ 38
Eżempji ta' prattika nazzjonali ........ 38
7. Ġbir ta' *data* dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika/razzjali f'oqsma ewlenin tal-ħajja ........ 39
Raġuni ........ 40
Gwida ........ 40
Eżempji ta' prattika nazzjonali ........ 42
Eżempji mill-istħarriġ tal-FRA ........ 43
8. Ipprovdi baġit suffiċjenti għal stħarriġiet regolari li jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali/etnika, b'mod partikolari meta l-ġbir ta' *data* amministrattiva ma jkunx possibbli ........ 44
Raġuni ........ 44
Gwida ........ 45
Eżempji ta' prattika nazzjonali ........ 45
Kunsiderazzjonijiet etiċi ulterjuri għall-ġbir ta' *data* abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika ........ 46

## Preambolu

*"L-Unjoni Ewropea tirrifjuta t-teoriji li jippruvaw jistabbilixxu l-eżistenza ta' razez umani separati. L-użu tal-espressjoni 'oriġini tar-razza' ma jimplikax l-aċċettazzjoni ta' dawn it-teoriji".*[1]

Ir-razza/l-oriġini razzjali u/jew etnika huma **kostruzzjonijiet soċjali** u bħala tali huma indikaturi dgħajfa għad-diversità ġenetika tal-umanità[2]. Filwaqt li xi individwi jistgħu jidentifikaw lilhom infushom bħala "bojod" jew "suwed", ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali jew etnika spiss jiġu ffurmati minn kif is-soċjetà tikkategorizza lill-individwi f'termini razzjalizzati.

L-ideat dwar ir-razza/l-oriġini razzjali spiss jiġu attribwiti lin-nies jew imposti fuqhom, u individwi jew gruppi jistgħu jiġu razzjalizzati minn oħrajn b'modi li jaffettwaw b'mod negattiv l-esperjenzi tagħhom u kif jiġu ttrattati. Il-kostruzzjoni soċjali ta' razza/oriġini razzjali hija distinta minn, iżda tista' tikkoinċidi ma', kif in-nies jidentifikaw lilhom infushom, li tista' tkun ħafna aktar varjata u kumplessa.[3]

L-UN Principles and Recommendations for Population and Housing Censuses related to Ethnicity (il-paragrafu 4.184.) jiddefinixxu b'mod wiesa' l-etniċità bħala kunċett "*ibbażat fuq fehim kondiviż tal-istorja u tal-oriġini territorjali (reġjonali u nazzjonali) ta' grupp etniku jew komunità, kif ukoll dwar il-karatteristiċi kulturali bħal-lingwa jew ir-reliġjon. Il-fehim jew il-fehmiet tar-rispondenti dwar l-etniċità, is-sensibilizzazzjoni tal-isfond tal-familja tagħhom, l-għadd ta' ġenerazzjonijiet li jkun ilhom f'pajjiż, u t-tul ta' żmien mill-immigrazzjoni huma kollha fatturi possibbli li jaffettwaw ir-rapportar tal-etniċità f'ċensiment. L-etniċità hija multidimensjonali u hija aktar proċess milli kunċett statiku, u għalhekk il-klassifikazzjoni etnika għandha tiġi ttrattata b'konfini mobbli.*"

Id-Deċiżjoni Qafas tal-UE dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija tistabbilixxi li, "nisel" "...*għandu jinftiehem li jirriferi prinċipalment għal persuni jew gruppi ta' persuni li huma mnissla minn persuni li jistgħu jkunu identifikati permezz ta' ċerti karatteristiċi (bħal ma huma r-razza u l-kulur), imma mhux neċessarjament dawn il-karatteristiċi kollha għadhom jeżistu*".

F'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE[4], din in-nota ta' gwida tirreferi għall-"oriġini razzjali jew etnika" fir-rigward tal-fatt li hija:

- kawża ta' diskriminazzjoni.

Allinjata mal-prattika li ġiet stabbilita f'xi pajjiżi u f'xi Stati Membri tal-UE – li jużaw il-kategorija "oriġini razzjali jew etnika" għall-finijiet statistiċi, inkluż sabiex jenfasizzaw id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza – din in-nota ta' gwida tirreferi wkoll għal "oriġini razzjali jew etnika" bħala:

- kategorija statistika (analitika) ġenerika li tippermetti d-diżaggregazzjoni ta' kwalunkwe *data*, sabiex jiġi vvalutat l-istat tal-ugwaljanza fis-soċjetà,

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (6). Ara wkoll il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, p.1.

[2] Ara: Yudell M. *et al.*, (2016), "Taking race out of human genetics", *Science* 351 (6273):564-565. U: Zack, N. (2018), "Social Construction and Racial Identities" F': Zack, N., *Philosophy of Race. Palgrave Philosophy Today*. Palgrave Macmillan, Cham.

[3] Il-Gvern ta' Ontario (2018) *Data Standards for the Identification and Monitoring of Systemic Racism*. Anti-Racism Data Standards – Order in Council 897/2018.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") kif ukoll l-Artikolu 10 u l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- aspett tal-awtoidentifikazzjoni u tar-rabta etnika ta' persuna, jiġifieri, bħala karatteristika personali.

Sabiex isiru għażliet ta' politika infurmati għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u għat-trawwim ta' trattament ugwali, il-leġiżlaturi u dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu *data* dwar il-pożizzjoni soċjali tan-nies u l-esperjenzi tagħhom tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika.

Madankollu, l-introduzzjoni ta' kategoriji bħall-"oriġini razzjali jew etnika" fl-istatistika uffiċjali ġġorr magħha r-riskju li tali kategorizzazzjonijiet jiġu riprodotti soċjalment u jintużaw sabiex jiġu ttikkettati b'mod skorrett in-nies.[5] Dan jista' jkollu konsegwenzi negattivi għall-membri ta' ċerti gruppi soċjali, li jirriżultaw mis-sistemi ta' twemmin preġudikat (potenzjalment sterjotipiku) li tali kategorizzazzjoni soċjali tista' tappoġġa[6].

Sabiex dan jiġi indirizzat, l-użu ta' kategoriji statistiċi (analitiċi) għal kwalunkwe ġbir ta' *data* jew għall-fini tad-diżaggregazzjoni tad-*data* għandu dejjem ikun immexxi mill-prinċipju prevalenti bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem *la tagħmilx ħsara*, kif propost mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) fil-Human Rights-based Approach to Data.tiegħu.

*La tagħmilx ħsara* tfisser li **l-ebda attività ta' ġbir tad-*data* ma għandha toħloq jew issaħħaħ id-diskriminazzjoni, il-preġudizzju jew l-isterjotipi eżistenti** u li d-*data* miġbura għandha tintuża għall-benefiċċju tal-gruppi li jiddeskrivu u għas-soċjetà kollha kemm hi.

Għaldaqstant, din in-nota ta' gwida tirrikonoxxi u tafferma mill-ġdid l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-OHCHR għad-*data* u s-sett ta' prinċipji tagħha relatati mal-parteċipazzjoni, id-diżaggregazzjoni tad-*data*, l-awtoidentifikazzjoni, it-trasparenza, il-privatezza u l-akkontabilità.[7]

## Sfond u għan ta' din il-gwida

Id-*data* dwar l-ugwaljanza hija essenzjali għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-minoranzi etniċi u ta' gruppi razzjalizzati oħra u għalhekk tindirizza b'mod effettiv ir-razziżmu u l-inugwaljanzi strutturali.[8] Id-*data* tagħmel in-natura u l-livell tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza viżibbli[9] u tipprovdi s-sustanza għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. Meta tinġabar regolarment u b'mod sistematiku, l-istatistika dwar l-ugwaljanza tippermetti lill-Istati Membri jivvalutaw l-applikazzjoni xierqa tal-

---

[5] F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti żewġ punti: (a) mhuwiex possibbli li jiġi limitat l-użu tal-lingwa għal komunikaturi infurmati f'soċjetà, u (b) l-intenzjonijiet konxji tal-komunikaturi mhumiex l-uniċi fatturi li jsawru t-tifsira soċjali ta' kunċett jew kategorija.

[6] Liberman, Z. *et al.* (2017), "The origins of social categorization", *Trends in Cognitive Sciences*, Vol, 21, Issue 7, pp. 556-568.

[7] Madankollu, ma għandux ikun hemm projbizzjoni ġenerali fuq il-pubblikazzjoni ta' *data* li tista' tippreżenta lil ċerti gruppi b'mod negattiv, meta tikkonċerna prattiki li huma kontra d-dinjità u d-drittijiet tan-nies. Pereżempju, il-pubblikazzjoni ta' *data* dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM) tista' titqies bħala li ssaħħaħ l-isterjotipi eżistenti ta' ċerti gruppi fejn isseħħ din il-prattika, iżda hija wkoll għall-benefiċċju tas-soċjetà u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet affettwati. Dawk li jiġbru d-*data* u partijiet ikkonċernati responsabbli oħra jeħtieġ li jaġixxu b'mod responsabbli meta jippreżentaw u jinterpretaw tali *data*.

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom tiddefinixxi d-diskriminazzjoni sistemika jew strutturali "*bħala evidenti fl-inugwaljanzi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika, mhux b'intenzjoni iżda li jirriżultaw minn firxa ta' fatturi istituzzjonali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika*" (p.20).

[9] FRA (2021), *Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the Equality Directives*. Opinjoni. Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, jimmonitorjaw il-konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u jsegwu l-progress fil-kisba tal-għanijiet lejn l-ugwaljanza – kif stabbilit mill-istrumenti tal-governanza ekonomika tal-UE bħas-Semestru Ewropew jew minn aġendi globali bħall-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp sostenibbli.

Sal-lum, ftit pajjiżi joperaw sistemi komprensivi jew għandhom approċċ koordinat għall-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza li tista' tiżvela l-inugwaljanzi abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika. Jekk disponibbli, tali *data* spiss ma tkunx aġġornata jew tkun nieqsa mill-komparabbiltà maż-żmien u mar-reġjuni ġeografiċi; spiss din tkun ta' ambitu limitat u minbarra dan ma tkunx disponibbli b'mod trasparenti fid-dominju pubbliku.

Filwaqt li rrikonoxxa dan fl-2018, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità (HLG) stabbilixxa Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza (sottogrupp) sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza. Huwa ta l-kompitu lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) sabiex tiffaċilita l-ħidma tas-Sottogrupp, f'konformità mal-mandat tal-Aġenzija li tiżviluppa metodi u standards sabiex ittejjeb il-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza fil-livell Ewropew.[10]

Sal-lum, is-Sottogrupp żviluppa:

- sett ta' linji gwida mhux vinkolanti dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza,
- kompendju ta' prattiki promettenti għall-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza implimentati fil-livell nazzjonali,
- għodda dijanjostika tal-immappjar sabiex tgħin lill-Istati Membri jimmappjaw sorsi eżistenti ta' *data* dwar l-ugwaljanza u jidentifikaw lakuni.

Fl-2020, il-mandat tas-sottogrupp ġie estiż sal-2025, sabiex jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex timplimenta approċċ konsistenti dwar il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza, fir-rigward tad-*data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, is-sottogrupp qabel li jiżviluppa gwida prattika għall-Istati Membri dwar it-titjib tal-ġbir tad-*data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika.

## Ħtieġa ta' *data* għal għażliet ta' politika infurmati

*"L-għan għandu jkun li l-Istati Membri, b'rispett sħiħ tal-kuntesti nazzjonali tagħhom, jimxu lejn il-ġbir ta' data diżaggregata abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika, sabiex jinqabdu kemm l-esperjenzi soġġettivi ta' diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni kif ukoll l-aspetti strutturali tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Din id-data għandha tkun komprensiva, affidabbli, regolari u f'waqtha; integrata fl-istħarriġiet tal-UE u dawk nazzjonali; u kemm rappreżentattiva kif ukoll komparabbli."* Il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, p. 16.

Fl-2020, l-UE ħadet passi deċiżivi lejn approċċ aktar olistiku sabiex tindirizza r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata u adottat għall-ewwel darba Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025. Il-pjan jindirizza kemm il-forom individwali kif ukoll dawk strutturali (istituzzjonalizzati) tar-razziżmu u jistabbilixxi serje ta' miżuri konkreti sabiex tinkiseb id-"*data* t-tajba għal għażliet ta' politika infurmati". Dan isejjaħ għal pass aktar sinifikanti lejn approċċ ġdid dwar il-ġbir

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ĠU L 53, 22.2.2007.

tad-*data* dwar l-ugwaljanza u jħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-ġbir tad-*data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika.

Dan huwa konformi mad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban, li jħeġġu lill-istati "*jiġbru, jikkompilaw, janalizzaw, ixerrdu u jippubblikaw data statistika affidabbli fil-livelli nazzjonali u lokali u jieħdu l-miżuri l-oħra kollha relatati li huma meħtieġa sabiex tiġi vvalutata regolarment is-sitwazzjoni tal-individwi u tal-gruppi ta' individwi li huma vittmi ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata*".

Il-ħtieġa għal *data* dwar l-etniċità ġiet identifikata wkoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri – fir-rapport speċjali tagħha tal-2016 Inizjattivi ta' politika u appoġġ finanzjarju tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom – li fih talbet lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri sabiex tiżviluppa metodoloġija komuni u tħeġġiġhom sabiex jiġbru *data* statistika dwar l-etniċità.

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet impatt sinifikanti fuq l-ugwaljanza madwar id-dinja kollha: dawk li diġà jinsabu l-aktar f'riskju ta' diskriminazzjoni u inugwaljanza (bħal nies akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, il-membri ta' minoranzi etniċi, ir-Rom u t-Travellers, il-persuni mingħajr dar jew dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet iffullati żżejjed) kienu u jinsabu f'riskju ferm akbar li jimirdu jew li jmutu mill-virus.[11]

Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fl-UE, l-istatistika tas-saħħa disponibbli uffiċjalment dwar il-COVID-19 ma setgħetx tiġi (kompletament) diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika. Dan kellu effett detrimentali fuq l-effettività tal-miżuri protettivi sabiex jitrażżan it-tixrid tal-virus kif ukoll tal-kampanji ta' informazzjoni u prevenzjoni mmirati lejn in-nies u l-gruppi f'riskju akbar ta' esponiment eċċessiv.

## Dwar il-kunċett ta' "oriġini razzjali jew etnika"

Skont Farkas[12], "*l-oriġini razzjali, etnika u nazzjonali huma raġunijiet mutabbli, li jinkludu n-nazzjonalità, il-kulur, id-dixxendenza, ir-reliġjon tal-minoranzi, il-lingwa tal-minoranzi, il-kultura u t-tradizzjonijiet tal-minoranzi. Flimkien mal-karatteristiċi tal-barranin u tal-immigranti, dawn il-karatteristiċi jikkostitwixxu l-aktar indikaturi komuni ta' oriġini razzjali jew etnika – li huma l-aktar evidenti fil-kuntest tal-ġbir tad-data dwar l-inugwaljanzi, li huwa bbażat b'mod deċiż fuq dawn l-indikaturi*". Barra minn hekk, dawn il-kategoriji soċjali huma rikonoxxuti bħala intrinsikament interkonnessi għalkemm mhumiex distinti b'mod ċar fil-liġi. Għalhekk hemm bżonn ta' analiżi bir-reqqa sabiex jiġi ddeterminat jekk id-diskriminazzjoni hijiex ibbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika jew fuq element kostitwenti ta' kwalunkwe kunċett, bħar-reliġjon tal-minoranzi.[13]

Diversi eżempji ta' ġurisprudenza li jikkonċernaw, pereżempju, ir-Rom iwessgħu l-interpretazzjoni tad-diskriminazzjoni etnika billi jikkunsidraw aktar l-emarġinazzjoni soċjali u s-segregazzjoni spazjali.[14] Barra minn hekk, l-immigranti u d-dixxendenti tal-immigranti huma identifikati abbażi ta' kategoriji li jitkellmu dwar l-istatus tagħhom bħala immigranti – bħaċ-ċittadinanza/i, il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tal-

[11] Il-FRA ppubblikat rapporti regolari dwar l-Implikazzjonijiet tal-COVID-19 fuq id-drittijiet fundamentali fl-2020 u fl-2021.

[12] Farkas, L. (2017), The meaning of racial or ethnic origin in EU law: between stereotypes and identities, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 8.

[13] Farkas, L, (2017), *Analysis and comparative review of equality data collection practices in the European Union: Data collection in the field of ethnicity*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p.9.

[14] D.H. et. vs Ir-Repubblika Ċeka, Rikors Nru 57325/00, Sentenza tal-Awla Manja tat-13 ta' Novembru 2007 u Yordanova et. vs Il-Bulgarija, Rikors Nru 25446/06, Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2012 (ara Farkas, 2017, p. 9f).

oriġini tal-ġenituri, is-sena tal-immigrazzjoni, u l-lingwa mitkellma d-dar. Għall-immigranti u għad-dixxendenti tal-immigranti, kategoriji bħal dawn jintużaw b'mod komuni bħala indikaturi tal-etniċità f'pajjiżi fejn il-ġbir tal-hekk imsejħa "statistika etnika" huwa pprojbit mil-liġi.

Fir-rigward tal-esperjenza tad-diskriminazzjoni, il-mistoqsijiet dwar kif l-oħrajn (dawk li jiddiskriminaw) jipperċepixxu lil xi ħadd – abbażi tal-attributi esterni perċepiti – isiru importanti. L-attributi mogħtija minn ħaddieħor mhux neċessarjament ikunu relatati mal-awtoidentifikazzjoni ta' persuna. Kif jinnota Farkas, "*id-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali u etnika rari tirriżulta b'rispons għall-awtoidentifikazzjoni ta' individwu bħala li jappartjeni għal jew li huwa membru ta' ċertu grupp razzjali jew etniku. Il-proċessi, bħall-attribuzzjoni jew l-assenjazzjoni, is-segregazzjoni, ir-raggruppament u l-istereotipi joħolqu, jistabbilixxu jew jimponu oriġini razzjali jew etnika. L-identità razzjali jew etnika tista' ma tikkorrispondix ma' dik perċepita jew preżunta minn terzi. L-identità hija fluwida u tista' tinbidel maż-żmien. Madankollu, dan mhux neċessarjament ikollu impatt fuq kif tiġi perċepita dik il-persuna. Il-kunċett ta' oriġini razzjali u etnika jista' jiġi impost ukoll minn ġewwa l-komunitajiet u jrażżan l-identitajiet intersezzjonali u l-interessi diverġenti.*" [15]

Barra minn hekk, l-identità ta' persuna tinkludi karatteristiċi multipli intersezzjonali li jridu jiġu rikonoxxuti; mhux biss l-oriġini razzjali jew etnika, iżda wkoll is-sess, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, l-abilità/id-diżabilità u karatteristiċi personali oħra.[16]

*Għal aktar informazzjoni dwar il-qafas teoretiku u legali tad-definizzjoni ta' oriġini razzjali jew etnika, ara r-rapport tal-Kummissjoni Analysis and comparative review of equality data collection practices in the field of ethnicity in the EU.*

## X'inhi "*data* dwar l-ugwaljanza"?

Il-Manwal Ewropew dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza, u l-Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza jiddefinixxu "*data* dwar l-ugwaljanza" bħala kwalunkwe biċċa informazzjoni li hija utli għall-finijiet tad-deskrizzjoni, l-analiżi, ir-raġunament dwar u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-istat tal-ugwaljanza. L-informazzjoni tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva fin-natura tagħha. Tista' tinkludi *data* aggregata li tirrifletti l-inugwaljanzi jew il-kawżi jew l-effetti tagħhom fis-soċjetajiet.

L-istatistika dwar l-ugwaljanza tista' tiġi kkompilata minn diversi sorsi ta' *data*, bħaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni, ir-reġistri amministrattivi, l-istħarriġiet dwar l-unitajiet domestiċi u individwali, l-istħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni, u l-istħarriġ dwar l-attitudnijiet. Sorsi oħra jistgħu jinkludu *data* dwar l-ilmenti (inklużi profili aggregati ta' lmentaturi u trasgressuri, pereżempju), *data* dwar il-ġustizzja kriminali (inklużi statistika tal-qorti u *data* dwar l-eżiti tal-kawżi tal-qorti, kif ukoll il-kumpens offrut/is-sanzjonijiet applikati, pereżempju), kif ukoll mezzi oħra ta' ġbir ta' *data*, li jinkludu ttestjar tad-diskriminazzjoni, monitoraġġ tad-diversità mill-impjegaturi u mill-fornituri tas-servizzi, u d-*data* użata sabiex jiġu mħarrġa algoritmi għall-intelliġenza artifiċjali (AI) u għall-apprendiment awtomatiku.

Id-*data* diżaggregata minn ċerti karatteristiċi personali – inklużi l-età, is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, u l-identità tal-ġeneru – tista'

[15] Farkas, L. (2017), The meaning of racial or ethnic origin in EU law: between stereotypes and identities, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 37.

[16] Farkas, L. (2017), The meaning of racial or ethnic origin in EU law: between stereotypes and identities, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 37.

tintuża għall-produzzjoni ta' *data* dwar l-ugwaljanza, f'livell aggregat għall-finijiet statistiċi, sakemm dan isir f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet legali u l-eċċezzjonijiet korrispondenti.[17]

## Għan u struttura tan-nota ta' gwida

Bi tweġiba għall-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 u s-sejħiet minn gruppi oħra sabiex itejbu d-disponibbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika, is-Sottogrupp dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza qabel li jiżviluppa din in-nota ta' gwida prattika.

Hija għandha l-għan li:

- tidentifika sfidi għall-ġbir ta' *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika.
- tenfasizza perkorsi promettenti lejn approċċ aktar standardizzat u konsistenti għal dan.
- tipprovdi gwida prattika dwar modi effettivi għall-produzzjoni ta' *data* komprensiva, affidabbli, komparabbli u regolari fil-livell nazzjonali.
- tgħin lill-istituzzjonijiet tas-settur pubbliku u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jidentifikaw id-disparitajiet abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika u jiġġieldu b'mod effettiv ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni strutturali.

Din il-gwida tibni fuq:

- il-Linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza mhux vinkolanti,
- ir-rakkomandazzjonijiet mill-Manwal Ewropew dwar id-*data* dwar l-Ugwaljanza (reviżjoni tal-2016)
- ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ġbir tad-*data* fil-qasam tal-etniċità

Barra minn hekk, il-gwida hija bbażata fuq pariri esperti, standards eżistenti ta' *data* kontra r-razziżmu jew kontra d-diskriminazzjoni u gwidi għad-diżaggregazzjoni tad-*data*, bħal

- l-UNECE Poverty Measurement - Guide to Data Disaggregation, u
- l-UN Principles and Recommendations for Population and Housing Censuses relatati mal-etniċità.

Barra minn hekk, il-gwida tqis il-firxa ta' sorsi possibbli tad-*data* (bħaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni, ir-reġistri amministrattivi, id-*data* dwar l-ilmenti, l-istħarriġiet tal-unitajiet domestiċi u individwali) u r-rekwiżiti speċifiċi tagħhom.

Il-gwida tindirizza wkoll mistoqsijiet li jirriżultaw fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) – filwaqt li tenfasizza kif id-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika tista' tinġabar għall-finijiet statistiċi aggregati f'konformità mad-dritt tal-UE.

L-udjenza fil-mira għal din il-gwida tinkludi korpi pubbliċi jew privati involuti fil-ġbir u fl-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali jew etnika bħal:

[17] FRA (2021), *Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the Equality Directives*. Opinjoni. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p.65.

- produtturi tad-*data* f'korpi politiċi u amministrattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
- istituti nazzjonali tal-istatistika;
- organizzazzjonijiet privati u pubbliċi li jaħdmu fil-qasam tal-post tax-xogħol u t-twettiq tas-servizz;
- is-sistema tal-ġustizzja u l-pulizija;
- korpi għall-ugwaljanza u istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem,
- l-akkademja.

Is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-ambitu u l-kwalità tad-*data* dwar l-ugwaljanza miġbura dwar l-oriġini razzjali jew etnika tvarja fost l-Istati Membri. Kif muri fir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ġbir tad-*data* fil-qasam tal-etniċità, ftit Stati Membri biss jiġbru *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika, filwaqt li oħrajn iżommu deliberatament lura milli jagħmlu dan.

Barra minn hekk, il-komunitajiet/gruppi differenti affettwati mir-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali/etnika jista' jkollhom fehmiet diverġenti dwar il-ħtieġa li tinġabar tali *data* jew ilissnu oġġezzjonijiet, li jridu jittieħdu bis-serjetà mill-produtturi tad-*data*.

Għalhekk, din il-gwida tista' sservi bħala punt tat-tluq, sabiex tgħin lill-Istati Membri meta japplikaw il-liġi tal-UE dwar l-ugwaljanza f'konformità mad-Direttiva applikabbli dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Hija tqis il-kuntesti legali nazzjonali u r-rekwiżiti li jvarjaw għall-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika f'kull Stat Membru. Dawk li jfasslu l-politika u partijiet ikkonċernati oħra jistgħu jagħżlu jew jipprijoritizzaw l-azzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet identifikati dak iż-żmien fi kwalunkwe Stat Membru partikolari.

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jużaw dawn il-linji gwida sabiex jinfurmaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom tal-politiki kontra r-razziżmu u n-nondiskriminazzjoni u jimmonitorjaw l-eżiti tagħhom minn perspettiva ta' ugwaljanza.

Peress li r-rekwiżiti għall-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali jew etnika jistgħu jvarjaw ukoll minn sorsi differenti ta' *data* (pereżempju, il-ħtieġa għal regoli legali għall-ġbir tad-*data* fl-istatistika uffiċjali), l-applikabbiltà tal-prinċipji gwida li ġejjin tista' tkun aktar faċli għal xi sorsi ta' *data* minn oħrajn. L-Illustrazzjoni 1 turi sekwenza u kombinazzjoni possibbli tal-prinċipji stabbiliti f'din in-nota ta' gwida sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fil-proċess.

*Illustrazzjoni1: Prinċipji gwida għall-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali jew etnika – sekwenza u kombinazzjoni possibbli*



## 1. Immappja s-sorsi tad-*data* eżistenti li jipprovdu informazzjoni dwar l-oriġini razzjali jew etnika (inklużi l-kategoriji applikati u d-definizzjonijiet sottostanti tagħhom)

### Raġuni

L-immappjar komprensiv (nazzjonali) tad-*data* kollha disponibbli relatata mal-“oriġini razzjali jew etnika” (inklużi l-kunċetti u d-definizzjonijiet sottostanti) huwa prerekwiżit għall-kisba ta’ approċċ ikkoordinat għall-ġbir tad-*data*, inkluż il-ħolqien ta’ kategoriji, kunċetti u definizzjonijiet uniformi.

Tali mmappjar jgħin sabiex tiġi stabbilita linja bażi għal approċċ aktar sistematiku lejn id-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika u jipprovdi bażi soda għat-titjib meħtieġ billi jidentifika:

- is-sorsi u l-fornituri differenti tad-*data* dwar l-ugwaljanza relatati mal-oriġini razzjali jew etnika, filwaqt li jitqiesu wkoll is-sorsi mhux imfassla speċifikament sabiex jiġbru d-*data* dwar l-ugwaljanza, iżda jinkludu varjabbli li jistgħu jintużaw sabiex juru u janalizzaw l-inugwaljanzi strutturali eżistenti;
- lakuni u inkonsistenzi fid-disinn u l-metodi applikati, kif ukoll fil-kunċetti u l-kejl.
- duplikazzjonijiet mhux meħtieġa fil-ġbir tad-*data*.

Tali inizjattiva tista’ tiġi ffaċilitata jew ikkoordinata minn istitut nazzjonali tal-istatistika jew minn dipartiment rilevanti tal-ministeru/Gvern. Inkella, mandat speċifiku u riżorsi dedikati għat-twettiq ta’ tali mmappjar jistgħu jiġu pprovduti lil korp tal-ugwaljanza jew lil istitut tar-riċerka.

L-immappjar tad-*data* dwar l-ugwaljanza diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika għandu jitwettaq perjodikament, filwaqt li titqies ir-regolarità li biha s-sorsi tad-*data* mmappjati jiġu aġġornati, pereżempju, kull erba’ jew ħames snin, u filwaqt li jitqiesu sorsi u fornituri potenzjali ġodda tad-*data.*

### Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti kollha involuti fi jew responsabbli għall-ġbir ta’ *data* relatata ma’/diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika huma mħeġġa li:

- jieħdu kunsiderazzjoni xierqa tal-Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza, speċifikament il-Linja Gwida Nru 1 “**Immappjar tas-sorsi eżistenti tad-*data* dwar l-ugwaljanza u identifikazzjoni ta’ lakuni fid-*data***”.
- jidentifikaw u jagħtu mandat lil istituzzjoni/korp/organizzazzjoni li tibda, tikkoordina u twettaq l-eżerċizzju tal-immappjar.
- iwettqu mmappjar nazzjonali komprensiv tas-sorsi tad-*data* eżistenti kollha[18] li jappoġġaw id-diżaggregazzjoni tad-*data* mill-kategorija statistika ġenerika “oriġini razzjali jew etnika”.

  Meta jagħmlu dan, għandhom iqisu l-elementi kostituttivi kollha u l-varjabbli tal-indikaturi possibbli li jistgħu jiġu inklużi taħt tali kategorija ġenerika, inklużi l-kunċetti u d-definizzjonijiet

[18] Is-sorsi ta’ *data* miġbura u/jew użati mill-awtoritajiet nazzjonali f’oqsma koperti mid-dritt tal-UE fir-rigward tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-oriġini “razzjali jew etnika” – li jistgħu jkunu b’referenza għal “indikaturi” bħan-nazzjonalità, l-istatus tal-immigrazzjoni eċċ.”.)

sottostanti tagħhom (ara "Dwar il-kunċett ta' oriġini razzjali jew etnika" f'din in-nota ta' gwida).

Għal dan l-eżerċizzju tal-immappjar, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-għodda dijanjostika tal-immappjar żviluppata mis-Sottogrupp dwar id-*data* dwar l-ugwaljanza fl-2018, billi jadattawha għall-ħtiġijiet ta' dan l-eżerċizzju speċifiku tal-immappjar.

- jużaw ir-riżultati tal-immappjar sabiex isibu aspetti komuni u diskrepanzi fis-sorsi tad-*data* u maż-żmien, fir-rigward ta':
  - il-qasam ta' politika/il-fajl leġiżlattiv li għalih intużat jew kienet meħtieġa d-*data.*
  - is-sors tad-*data* (ir-reġistru amministrattiv, id-*data* tal-istħarriġ, id-*data* dwar l-ilmenti, eċċ.)
  - il-kategoriji/klassifikazzjonijiet użati għad-diżaggregazzjoni jew il-mistoqsijiet użati fi stħarriġ sabiex titkejjel l-"oriġini razzjali jew etnika", eċċ. u l-kunċetti u d-definizzjonijiet sottostanti tagħhom (u l-bidliet rilevanti fil-kategoriji/klassifikazzjonijiet maż-żmien).
  - l-intersezzjonijiet bejn raġunijiet ta' diskriminazzjoni jew inugwaljanzi intersezzjonali.
  - l-oqsma tal-ħajja li għalihom tinġabar id-*data*, bħal, pereżempju, (aċċess għall-)impjieg, (aċċess għall-)akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-ġustizzja, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, eċċ.
  - il-metodi u l-modi ta' ġbir ta' *data* kwalitattiva u kwantitattiva (eż., intervista wiċċ imb'wiċċ, stħarriġ online, stħarriġ bil-posta, intervista bit-telefon, eċċ.), id-daqs tal-kampjun, ir-rappreżentattività, il-kopertura ġeografika.
  - l-aċċessibbiltà pubblika tad-*data* u tal-analiżijiet;
  - il-frekwenza li biha tkun inġabret id-*data* (jiġifieri, il-frekwenza tal-aġġornamenti u s-serje ta' żmien eżistenti kif ukoll il-pawżi jew il-varjazzjonijiet fil-frekwenza, jekk ikun hemm).
- iħarsu lejn ir-riżultati tal-immappjar tad-*data* flimkien mas-sejbiet tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utent (il-Prinċipju Gwida Nru 2), sabiex jivvalutaw u jirrevedu iktar il-ħtiġijiet persistenti għall-ġbir tad-*data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika.
- jiżguraw li d-*data* statistika aggregata abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika tkun fid-dominju pubbliku għall-finijiet ta' trasparenza u akkontabilità u f'każijiet fejn tali *data* tista' tintuża mill-qrati sabiex jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE).
- B'mod simili għal-Linja Gwida Nru 3 tal-Linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu t-twaqqif ta' ċentru tad-*data* (b'paġna web apposta) sabiex tinġabar u tintwera *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika identifikata permezz tal-eżerċizzju tal-immappjar. Dan itejjeb l-aċċessibbiltà u l-użu tad-*data* mill-partijiet ikkonċernati interessati u mill-utenti tad-*data*, jinforza l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki (pereżempju tali *data* tista' tikkontribwixxi għal qafas ta' monitoraġġ kontra r-razziżmu) u jgħin sabiex l-Istati Membri u l-atturi rilevanti jinżammu responsabbli. Iċ-ċentru jista' jiġi ospitat mill-istituzzjoni/korp li għandu l-mandat li jwettaq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet (il-Prinċipju Gwida Nru 2).

## Eżempji ta' prattika nazzjonali

Iċ-Ċentru **Norveġiż** tad-*data* dwar l-ugwaljanza u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tas-Sami, tal-minoranzi nazzjonali, u tal-persuni bi sfond ta' immigrazzjoni, ikkoordinat mid-Direttorat Norveġiż għat-Tfal, iż-Żgħażagħ u l-Affarijiet tal-Familja, jimmappja u jikkompila sorsi eżistenti ta' statistika dwar l-ugwaljanza u riċerka dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien tas-Sami, tal-minoranzi nazzjonali u tal-persuni bi sfond ta' immigrazzjoni.

L-objettiv ewlieni taċ-ċentru tad-*data* huwa li jipprovdi bażi soda ta' għarfien lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u lokali li jaħdmu fuq politiki rilevanti għal gruppi ta' minoranza etnika u persuni bi sfond ta' immigrazzjoni. Iċ-ċentru tad-*data* jiġi aġġornat meta tkun disponibbli statistika ġdida jew aġġornata u bħala tali jgħin sabiex jiġi żgurat li d-*data* tinġabar regolarment u fil-ħin.

Iċ-ċentru tad-*data* huwa wieħed mill-50 azzjoni fil-*Pjan ta' azzjoni tal-gvern Norveġiż kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni abbażi tal-etniċità u r-reliġjon (2020-23)*. Dan iċ-ċentru tad-*data* huwa mibni bl-użu tal-istess format online u metodu ta' ħidma bħal ċentri tad-*data* preċedenti dwar id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess. Minħabba li l-etniċità jew ir-reliġjon ma jiġix irreġistrat fid-*data* amministrattiva tan-Norveġja u rarament jiġi rreġistrat fi proġetti ta' riċerka, dan iċ-ċentru tad-*data* primarjament juża sorsi statistiċi li jinkludu informazzjoni dwar l-isfond ta' immigrazzjoni.

**Il-Finlandja** stabbiliet sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tad-diskriminazzjoni fl-2008, li għandha grupp ta' monitoraġġ iddedikat għad-diskriminazzjoni magħha u sit web li bħalissa huwa kkoordinat u żviluppat mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Il-kompitu tas-sistema ta' monitoraġġ huwa li (1) tipproduċi informazzjoni aġġornata dwar id-diskriminazzjoni fis-soċjetà Finlandiża, (2) tikkompila *data* u statistika tar-riċerka prodotta minn ħaddieħor, (3) tippromwovi l-kooperazzjoni fost in-nies u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu b'riċerka dwar id-diskriminazzjoni, u (4) tissuġġerixxi miżuri ta' politika li jippromwovu n-nondiskriminazzjoni.

Is-sit web huwa pjattaforma għar-riċerka, l-istudji u l-istatistika dwar id-diskriminazzjoni fis-soċjetà Finlandiża (inkluż dwar l-oriġini razzjali jew etnika kif ukoll ir-reliġjon u t-twemmin). L-informazzjoni hija kkategorizzata f'ħames oqsma ta' indikaturi miftiehma mill-grupp ta' monitoraġġ iddedikat għad-diskriminazzjoni: 1) Attitudnijiet, 2) Esperjenzi u osservazzjonijiet ta' diskriminazzjoni, 3) Rapporti ta' diskriminazzjoni u kundanni, 4) Reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, 5) Promozzjoni tad-diskriminazzjoni.

Fl-**Italja**, twaqqaf grupp ta' ħidma kkoordinat mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika Taljan (Istat) sabiex jimplimenta l-istrateġija nazzjonali tal-Italja għall-integrazzjoni tar-Rom. L-għan tal-grupp huwa li jilħaq perspettiva kondiviża dwar l-ambiti u l-metodi tal-ġbir tad-*data*. Dan għandu l-għan li jibni ċentru għall-immappjar u ċ-ċirkolazzjoni tas-sorsi eżistenti uffiċjali u mhux uffiċjali (iżda affidabbli). Għalkemm mhux l-għan ewlieni, din hija l-isfida ewlenija għall-grupp, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u komprensiva dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-persuni Rom. Fl-2015, l-Istat-UNAR-ANCI wettaq eżerċizzju tal-immappjar dwar is-sorsi ta' *data* eżistenti għar-Rom u identifika lakuni fid-*data*. Fl-2019, l-Istat-UNAR immappja l-proġetti ta' tranżizzjoni tal-akkomodazzjoni għar-Rom implimentati mill-muniċipalitajiet.

## 2. Wettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti (potenzjali) tad-*data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika

### Raġuni

Valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha sservi sabiex jiġi identifikat liema tip ta' *data* dwar l-ugwaljanza diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika hija meħtieġa għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u għall-monitoraġġ tal-ugwaljanza u tal-progressjoni u tar-rigressjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

It-twettiq ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandu jkun ibbażat fuq l-istandards normattivi rilevanti tal-UE, internazzjonali u nazzjonali li għalihom huma soġġetti l-Istati Membri, bħall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-leġiżlazzjoni nazzjonali – li jindirizzaw b'mod varjat l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-oriġini razzjali jew etnika.

Il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq proċessi ta' koordinazzjoni tal-politika fil-livell tal-UE bħas-Semestru Ewropew, kif ukoll impenji politiċi rilevanti, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 u l-Aġenda tan-NU għall-Iżvilupp sostenibbli.

Tali inizjattiva tista' tiġi ffaċilitata jew ikkoordinata minn istitut nazzjonali tal-istatistika jew minn dipartiment rilevanti tal-ministeru/Gvern. Inkella, jista' jiġi pprovdut mandat speċifiku u riżorsi dedikati għat-twettiq tal-valutazzjoni lil istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, korp tal-ugwaljanza jew istitut ta' riċerka.

Huwa rrakkomandat li valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utent għad-*data* dwar l-ugwaljanza diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika titwettaq perjodikament, pereżempju kull erba' sa ħames snin, filwaqt li jitqiesu fajls leġiżlattivi u ta' politika ġodda jew reviżjonijiet ta' impenji, liġijiet u politiki diġà implimentati.

### Gwida

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- iwettqu valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet ta' politika għad-*data* dwar l-ugwaljanza diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika, billi jikkunsidraw il-fajls ta' politika u leġiżlattivi rilevanti kollha, inkluż il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-impenji politiċi rilevanti.
- iwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utent fuq bażi regolari, pereżempju kull erba' sa ħames snin.
- jidentifikaw il-prijoritajiet għall-ġbir tad-*data* abbażi tal-urġenza tal-ħtiġijiet tal-utenti.
- jikkomunikaw is-sejbiet tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utent permezz ta' mezzi differenti u f'formati differenti lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji tal-istatistika, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-OSĊ rilevanti kollha, eċċ. involuti fil-ġbir ta' *data* diżaggregata mill-oriġini razzjali jew etnika.
- jiżguraw li tinġabar *data* għall-monitoraġġ tal-obbligi skont id-dritt tal-UE, pereżempju permezz ta' *data* amministrattiva tal-gvern jew stħarriġ nazzjonali li jkopri kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat, eċċ.

**Nota** – l-Istati Membri li ma jiġbrux *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika fl-istatistika uffiċjali jew permezz ta' stħarriġ fuq skala kbira – u fejn ix-xettiċiżmu dwar il-ġbir u l-użu ta' tali *data* jkun pjuttost mifrux – għandhom jikkunsidraw djalogu strutturat ma' partijiet ikkonċernati differenti

(dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituti tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ.), sabiex jintlaħaq kunsens dwar liema tip ta' *data* għandha tinġabar u taħt liema kundizzjonijiet.

### Eżempji ta' prattika nazzjonali

Fl-**Irlanda**, hemm Dmir tas-Settur Pubbliku għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Bniedem skont it-Taqsima 42 tal-Att Irlandiż tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza 2014. Dan jifforma parti minn qafas leġiżlattiv li jirregola d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza fl-Irlanda u jimponi obbligu statutorju fuq il-korpi pubbliċi sabiex ifittxu li:

- jeliminaw id-diskriminazzjoni;
- jippromwovu l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u t-trattament għall-persunal u għan-nies li jirċievu s-servizzi li jipprovdi;
- jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tal-persunal u tal-utenti tas-servizzi.

Id-dmir jeħtieġ ukoll li korp pubbliku *jivvaluta*, *jindirizza* u *jirrapporta* dwar l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem fil-mod kif qed iwettqu l-funzjonijiet tagħhom. Il-Gwida tal-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (IHREC) dwar id-Dmir tas-Settur Pubbliku tagħti parir dwar approċċ ibbażat fuq l-evidenza għall-valutazzjoni u l-pjan ta' azzjoni tal-korp pubbliku dwar l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem, u dan jinkludi l-kategorija speċjali ta' *data* dwar l-oriġini razzjali.

L-IHREC tirrikonoxxi wkoll li filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* dwar l-ugwaljanza huma kwistjoni għal kull korp pubbliku bħala kontrollur tad-*data*, hija temmen li hemm bażi ġuridika li tippermetti lill-korpi pubbliċi jipproċessaw *data* dwar l-ugwaljanza għall-finijiet ta' analiżi statistika - u li d-Dmir tas-Settur Pubbliku għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Bniedem huwa obbligu statutorju għall-korpi pubbliċi kollha.

Fl-**Irlanda**, Tusla – l-Aġenzija għat-Tfal u l-Familja kkummissjonat studju esploratorju fl-2019 sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' sistema legali u etikament xierqa għall-ġbir ta' *data* etnika fi ħdan it-Tusla li taderixxi ma' qafas tad-drittijiet tal-bniedem. Dan il-proġett għandu tliet objettivi ewlenin:

(1) jidentifika l-kuntest leġiżlattiv u ta' politika li fih it-Tusla tista' tiżviluppa sistema għall-ġbir tad-*data* etnika.
(2) jistabbilixxi linji gwida tal-aħjar prattika għat-Tusla f'metodi u sistemi ta' ġbir ta' *data* etnika.
(3) jiżgura li s-sistemi ta' informazzjoni tat-Tusla jistgħu japplikaw l-aħjar prattika sabiex itejbu l-forniment tas-servizzi.

Bħala parti minn ftehim ta' sħubija, iċ-Ċentru ta' Riċerka għat-tfal u l-familja tal-UNESCO (UCFRC) ġie kkummissjonat iwettaq din il-valutazzjoni f'isem Tusla.

Fil-**Kroazja**, nuqqas ta' *data* robusta u komprensiva diżaggregata mill-etniċità fil-livell nazzjonali, inklużi linji bażi għall-monitoraġġ tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom (NRIS), wassal għal proġett deskritt mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali bħala prattika promettenti fil-Kompendju online tal-Prattiki għall-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza. Dan il-proġett segwa l-progress fir-rigward tal-inklużjoni u l-integrazzjoni tar-Rom. Il-bażi għall-istudju kienet l-immappjar tal-popolazzjoni tar-Rom, li jikkombina metodi esterni u ta' awtoidentifikazzjoni, li taw indikazzjoni preċiża tad-daqs tal-popolazzjoni tar-Rom fil-Kroazja għall-ewwel darba. Il-proġett wassal għall-ħolqien ta' bażi tad-*data* anonimizzata komprensiva u xi riżultati preliminari.

Bħala segwitu, minbarra li jipprovdi analiżi settorjali dettaljata u rakkomandazzjonijiet għall-aspetti kollha tal-politika tal-inklużjoni tar-Rom u t-tfassil tal-Pjan nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom 2021-

2027 permezz ta' madwar 350 varjabbli, il-proġett attwali jinvolvi komponenti tal-bini tal-kapaċità għall-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Rom (NRCP) u partijiet ikkonċernati oħra involuti fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-NRIS, u b'attenzjoni addizzjonali għan-nisa u ż-żgħażagħ Rom.

Huma pprovduti wkoll riżorsi sinifikanti għal-laqgħat reġjonali u lokali, u kampanji tal-media mmirati kemm lejn ir-Rom kif ukoll lejn il-maġġoranza tal-popolazzjoni. Ir-rappreżentanti tar-Rom kienu involuti mill-qrib matul iċ-ċiklu tal-proġett.

Eżempju ieħor huwa r-rapport annwali tal-ombudsman **Kroat**. Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-ilmenti riċevuti, il-ħidma fuq il-post, ir-riċerka u d-*data* miġbura minn diversi mijiet ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions, l-impjegaturi, l-universitajiet, il-knejjes, l-organizzazzjonijiet reliġjużi u ħafna oħrajn.

Fil-**Portugall**, l-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika introduċa Stħarriġ pilota dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-oriġini u t-trajettorji tal-popolazzjoni residenti, li l-għan ewlieni tiegħu kien li jittestja kwestjonarju li fih moduli ffokati speċifikament fuq esperjenzi ta' diskriminazzjoni, kif ukoll mistoqsija sabiex titkejjel l-awtoidentifikazzjoni tar-rispondenti f'termini tal-oriġini etnika. Barra minn hekk, l-istħarriġ pilota jittestja d-disinn tal-kampjun, sabiex jiżgura li d-diversità tal-popolazzjoni residenti, bħal gruppi ta' minoranza etnika speċifiċi, tiġi identifikata.

Dan l-eżerċizzju huwa f'konformità mal-politiki nazzjonali kontra r-razziżmu, jiġifieri r-rakkomandazzjoni tal-parlament nazzjonali lill-gvern għall-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali kontra r-razziżmu (Riżoluzzjoni tal-Assemblea tar-Repubblika nru 16/2021) u għall-adozzjoni ta' miżuri għall-ġlieda kontra r-razziżmu, li fi ħdanha ssir rakkomandazzjoni għall-ġbir tad-*data* dwar id-diskriminazzjoni etnika (ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea tar-Repubblika nru 11/2021).

Għalhekk, l-għan huwa li tinġabar *data* dwar l-oriġini etnika fir-rigward tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza. Il-kwestjonarju finali, li se jkun immirat lejn il-popolazzjoni kollha, se jinkludi wkoll diversi moduli komprensivi dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien, bħas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, l-introjtu, il-familja u l-fertilità, u l-użu tal-ICT.

Fl-**Italja**, l-Istat u l-Uffiċċju Nazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali (UNAR) iffirmaw ftehim sabiex jinbena qafas ta' informazzjoni dwar "L-Inklużjoni u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tar-Rom, tas-Sinti u tas-Ciminanti". Il-proġett huwa parti mill-Istrateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni tar-Rom, tas-Sinti u tas-Ciminanti 2012-2020 u huwa ffinanzjat permezz tal-attivitajiet tal-Programm Operazzjonali Nazzjonali għall-Inklużjoni 2014-2020 ikkofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. L-għan huwa li jitjieb l-għarfien statistiku dwar il-popolazzjoni tar-Rom fl-Italja billi tiġi żviluppata sistema ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-politiki ta' inklużjoni, b'enfasi speċjali fuq it-**tranżizzjonijiet tal-akkomodazzjoni** tar-Rom.

L-istħarriġ dwar il-proġetti ta' tranżizzjoni tal-akkomodazzjoni kien l-ewwel komponent ta' riċerka usa' li tinvolvi lill-Istat, l-UNAR u lir-rappreżentanti tar-Rom fil-Pjattaforma Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tar-Rom. L-objettiv ta' dan l-ewwel stħarriġ kien li jiġu vvalutati l-proġetti kollha ta' inklużjoni tal-akkomodazzjoni mwettqa mill-muniċipalitajiet (b'aktar minn 15,000 abitant). Din għadha għaddejja. It-tieni pass skedat fl-2021 se jikkonsisti f'intervisti mar-Rom, is-Sinti u l-Caminanti li telqu mir-residenzi fl-2012-2020 u jgħixu fi djar adegwati u dawk li ma telqux minnhom.

Fl-2019, is-Senat Taljan stabbilixxa Kummissjoni Straordinarja sabiex tiġġieled il-fenomeni tal-intolleranza, ir-razziżmu, l-antisemitiżmu u l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza (*Commissione straordinaria per il contrasto dei fenomeni di intolleranza, razzismo, antisemitismo e istigazione all'odio e alla violenza*). Il-Kummissjoni għandha l-mandat li tiġbor *data* statistika dwar ir-reati ta'

mibegħda u d-diskors ta' mibegħda minn organizzazzjonijiet li jaħdmu għall-glieda kontra dawn il-fenomeni: [Prevenzione e contrasto dell'antisemitismo (camera.it)](camera.it).

### 3. Allinja d-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u l-kategorizzazzjonijiet relatati mal-oriġini razzjali jew etnika u integra d-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika fl-istħarriġiet tal-UE u nazzjonali

Approċċ uniformi fil-ġbir tad-*data* jimmassimizza l-komparabbiltà, il-validità u l-affidabbiltà tad-*data* miġbura, kif ukoll jimminimizza l-kostijiet għall-ġbir tad-*data*.

#### Raġuni

Il-gvernijiet jeħtieġ li jiżguraw li tinġabar id-*data* (permezz ta' *data* amministrattiva tal-gvern, stħarriġiet nazzjonali, li jkopru kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat, eċċ.) sabiex jiġu mmonitorjati l-obbligi skont id-dritt tal-UE. Minħabba l-kumplessità u l-varjetà tat-termini u l-varjabbli tal-indikaturi possibbli li għandhom jintużaw meta tinġabar *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika, l-għan huwa li tinkiseb *data* armonizzata maż-żmien, fi ħdan u bejn sorsi differenti, sabiex:

1. **jimmassimizzaw:**
    a. il-komparabbiltà (fil-livell nazzjonali u madwar l-UE).
    b. il-validità u l-affidabbiltà tal-kategoriji applikati għall-identifikazzjoni tal-oriġini razzjali jew etnika.
    c. l-opportunitajiet għar-rabta ta' sorsi differenti ta' *data* għal aktar analiżi u rapportar dwar l-ugwaljanza.
    d. is-sensibilizzazzjoni tal-utenti dwar il-ħtiġijiet tad-*data* u l-fehim tagħhom ta' informazzjoni statistika abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika (litteriżmu tad-*data*).
    e. l-effiċjenza tal-ġbir tad-*data*.
2. **jimminiminzzaw:**
    a. iż-żmien u l-kostijiet fl-iżvilupp ta' kategorizzazzjonijiet u l-ġbir tad-*data* rilevanti.
    b. id-duplikazzjonijiet mhux meħtieġa fis-sorsi tad-*data*.
    c. is-sorveljanza u ż-żamma mhux meħtieġa ta' *data* dwar gruppi etniċi jew razzjali.

#### Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti involuti fi jew responsabbli għall-ġbir ta' *data* abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika huma rrakkomandati li:

- jieħdu kont xieraq tal-Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza, speċifikament il-Linji Gwida Nru 9 ("Titjib tal-validità u l-affidabbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza") u 11 ("Titjib tal-komparabbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza").
- jibnu fuq is-sejbiet mill-eżerċizzju tal-immappjar (Linja Gwida 1) sabiex jidentifikaw l-aspetti komuni u d-diskrepanzi, fost is-sorsi tad-*data* u l-ħin, fir-rigward tal-kategoriji/definizzjonijiet applikati.
- jibnu fuq l-aktar sejbiet riċenti mir-riċerka akkademika fis-soċjoloġija u fil-psikoloġija soċjali, speċifikament fuq ir-"razziżmu", ir-"relazzjonijiet tal-grupp", l-"identitajiet etniċi" u "razzjalizzati" – sabiex jixprunaw is-sensibilizzazzjoni ta' dawk li potenzjalment jiġbru d-*data* u tal-utenti tad-*data* dwar il-kostruzzjoni soċjali ta' kategoriji razzjali jew etniċi.
- iwettqu konsultazzjonijiet komunitarji mar-rappreżentanti tal-minoranzi etniċi u tal-gruppi razzjalizzati rilevanti kollha, sabiex (a) jidentifikaw l-aktar kategoriji xierqa għad-diżaggregazzjoni/għall-mistoqsijiet dwar l-awtoidentifikazzjoni li għandhom isiru fi stħarriġ eċċ. u

(b) jilħqu kunsens dwar id-definizzjonijiet sottostanti. F'konformità mal-Human Rights-Based Approach to Data, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-komunità għandhom isiru kemm jista' jkun fil-livelli kollha tar-riċerka: inklużi l-ippjanar, il-ġbir tad-*data*, it-tixrid u l-analiżi tad-*data*.

- jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn il-ħidma mmexxija mill-komunità u dik parteċipattiva u fehim tar-restrizzjonijiet fuq il-ġbir kwantitattiv tad-*data* għall-finijiet ta' monitoraġġ fil-livell komparattiv u l-ħtieġa li n-nies jiġu infurmati dwar il-ġbir tad-*data* statistika – jiġifieri, kif tista' tibbenefika komunità. Għalhekk, il-litteriżmu statistiku u l-bini tal-kapaċità fost il-gruppi parteċipanti jeħtieġ li jissaħħu.[19] "it-tqegħid lura tad-*data* miġbura f'idejn il-gruppi tal-popolazzjoni żvantaġġati u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jużawhom huma essenzjali għall-akkontabilità."[20]
- (filwaqt li jibnu fuq ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet komunitarji) iwettqu konsultazzjonijiet ma' esperti dwar il-metodoloġija tal-istħarriġ u t-tfassil tal-istħarriġ, kif ukoll ma' esperti tad-*data* involuti fil-ġbir ta' *data* amministrattiva (eż. reġistri nazzjonali, ċensimenti eċċ.), sabiex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi ta' kategorizzazzjonijiet potenzjali għad-diżaggregazzjoni/għall-mistoqsijiet tal-istħarriġ (inkluża *data* ta' indikatur relatata mal-oriġini razzjali jew etnika) għal applikazzjonijiet f'ġabriet differenti ta' *data*.

Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ifittxu li jilħqu ftehim dwar l-approċċi l-aktar effettivi, validi u affidabbli għad-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll il-bażi għall-iżvilupp ta' standards jew prattiki promettenti fl-operazzjonalizzazzjoni ta' kategorizzazzjonijiet rilevanti.

- jikkunsidraw kif xieraq id-differenzi fir-rekwiżiti lejn sorsi differenti tad-*data* (reġistri amministrattivi/ċensimenti/*data* tal-istħarriġ eċċ.) u l-fattibbiltà/flessibbiltà tal-applikazzjoni ta' kategoriji uniformi f'sorsi differenti tad-*data*.
- jikkunsidraw kif xieraq il-varjetà tal-kategoriji u tal-varjabbli ta' indikaturi possibbli kollha li jistgħu jintużaw sabiex titkejjel l-"oriġini razzjali jew etnika", kif elenkat fit-taqsima "dwar il-kunċett ta' oriġini razzjali jew etnika" ta' din in-nota ta' gwida, filwaqt li tinżamm l-applikabbiltà f'kuntesti u l-affidabbiltà. Id-definizzjonijiet u l-kunċetti nazzjonali użati se jiddependu fuq il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet nazzjonali.[21]
- jiddokumentaw il-kriterji bażiċi u l-proċeduri ta' klassifikazzjoni għall-etniċità u jinformaw lill-utenti tad-*data* dwar il-kunċetti li huma bbażati fuqhom – filwaqt li jżommu f'moħħhom li, skont l-UN Principles and Recommendations for Population and Housing Censuses related to Ethnicity (il-paragrafu 4.187), il-kompożizzjoni etnokulturali ta' pajjiż tista' tvarja ħafna minn pajjiż għal ieħor u minħabba d-diversità fl-approċċ u d-diversi kriterji sabiex tiġi stabbilita l-etniċità, għalhekk huwa rikonoxxut li ma hemm l-ebda definizzjoni jew klassifikazzjoni unika li tista' tiġi rrakkomandata li tkun applikabbli għall-pajjiżi kollha.
- jieħdu kont xieraq tal-Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza, u b'mod speċifiku l-Linja Gwida Nru 7 "Integrazzjoni tad-*data* dwar l-ugwaljanza fl-istħarriġiet tal-UE u dawk

[19] OHCHR, 2018, *A Human Rights-Based Approach to Data: Leaving no one behind in the 2030 agenda for sustainable development*, Nazzjonijiet Uniti 2018, p.4

[20] OHCHR, 2018, *A Human Rights-Based Approach to Data: Leaving no one behind in the 2030 agenda for sustainable development*, in-Nazzjonijiet Uniti 2018, p. 19.

[21] Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) (2020), *Poverty Measurement – Guide to Data Disaggregation*, p. 33.

nazzjonali" sabiex jinkorporaw (1) kategoriji miftiehma għad-diżaggregazzjoni mill-oriġini razzjali jew etnika; (2) mistoqsijiet li jkejlu d-diskriminazzjoni/il-vittimizzazzjoni tal-kriminalità abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika fl-istħarriġiet tal-UE u nazzjonali.

- ħafna Stati Membri jiġbru informazzjoni indikattiva li tindika sfond etniku jew ta' immigrazzjoni (flimkien ma' varjabbli ta' sfond oħrajn relatati mal-ugwaljanza bħad-"diżabilità") għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) – permezz tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS), l-istħarriġ tal-Istatistika tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien (EU-SILC) jew stħarriġ madwar l-UE bħall-Ewrobarometru.

Madankollu, dawn il-karatteristiċi soċjoekonomiċi għadhom ma ntużawx b'mod regolari u sistematiku bħala kategoriji ta' diżaggregazzjoni għall-istatistika dwar l-ugwaljanza. Għalhekk, l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat għandhom isaħħu u jintegraw l-użu regolari ta' dawn il-kategoriji sabiex jiddiżaggregaw id-*data* kollha miġbura għall-ESS.

- il-korpi għall-ugwaljanza jistgħu jikkooperaw b'mod utli sabiex jeżaminaw is-sistemi tagħhom stess tal-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika, jindirizzaw l-ostakli għal sistemi bħal dawn li jkunu effettivi u/jew komparabbli u interoperabbli, u jikkunsidraw kif l-aħjar itejbu u jikkoordinaw il-ġbir tad-*data* tagħhom abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika.
- Skont il-*Human Rights-Based Approach to Data*, "Dawk li jiġbru d-*data* huma responsabbli wkoll għall-impatt tal-attivitajiet tagħhom ta' ġbir tad-*data* u għall-pubblikazzjoni tad-*data*."[22]

### Eżempji ta' prattiki nazzjonali

Fil-**Portugall**, l-utenti differenti tad-*data* talbu lil Statistics Portugal sabiex tiġbor *data* dwar l-oriġini etnika tal-popolazzjoni, kif ukoll dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza li jistgħu jkunu relatati mal-isfond migratorju tal-popolazzjoni u l-oriġini etnika.

L-iżvilupp ta' klassifikazzjoni għall-oriġini etnika tal-popolazzjoni mingħajr allinjament tal-prattika u l-applikazzjoni ta' linji gwida komuni tqies bħala sfida ewlenija. Ir-riżultati tal-istħarriġ pilota dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-oriġini u t-trajettorji tal-popolazzjoni residenti (għad-dettalji, ara l-Linja Gwida 2 hawn fuq) se jiġu analizzati sabiex jittejbu l-kwestjonarju u l-metodoloġija finali, kif ukoll id-disinn tal-kampjun. Għalkemm il-prattika għadha fil-fażi inizjali tagħha, hija tipprovdi għarfien dwar l-isfidi ewlenin li jirriżultaw meta tinġabar id-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika.

Fil-**Belġju**, il-Monitoraġġ soċjoekonomiku 2019 – Is-Suq tax-Xogħol u l-Oriġini ħadmu b'żewġ varjabbli sabiex jiddeterminaw l-oriġini ta' persuna: varjabbli "oriġini" u varjabbli "sfond ta' migrazzjoni".

Il-varjabbli "oriġini" jagħmilha possibbli li jkun aktar preċiż minn indikaturi li jieqfu maċ-ċittadinanza tal-individwu, billi jidentifikaw b'mod preċiż it-tieni ġenerazzjoni, kif ukoll persuni li jkunu saru Belġjani permezz tan-nazzjonalità tat-twelid tal-ġenituri jew tal-individwu.

Il-varjabbli "sfond ta' migrazzjoni" jagħmilha possibbli li ssir distinzjoni bejn l-immigranti reċenti u dawk akbar fl-età, l-immigranti u l-membri tat-"tieni" jew tat-"tielet ġenerazzjoni", il-persuni li kisbu nazzjonalità Belġjana jew li twieldu Belġjani lil ġenituri ta' oriġini barranija, jew persuni li baqgħu

[22] OHCHR, 2018, *A Human Rights-Based Approach to Data: Leaving no one behind in the 2030 agenda for sustainable development*, in-Nazzjonijiet Uniti 2018, p. 19.

barranin. Il-metodu juża algoritmi f'diversi stadji għaż-żewġ varjabbli sabiex jiddefinixxi gruppi esklużivi ta' persuni.

Fil-**Lussemburgu**, l-istħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni tnieda fl-1 ta' Ottubru 2020 u jkopri lill-persuni kollha ta' 16-il sena jew aktar li jgħixu fil-Gran Dukat. L-istħarriġ dwar is-sikurezza jiġbor informazzjoni dettaljata dwar ir-reati li jaffettwaw lil din il-popolazzjoni matul l-aħħar ħames snin/matul l-aħħar sena/matul il-ħajja tagħhom. Għandu wkoll l-għan li jkejjel is-sodisfazzjon bil-ħidma tal-pulizija u tal-qrati. Barra minn hekk, jistaqsi mistoqsijiet dwar is-sens ta' sikurezza tan-nies, l-esponiment tagħhom għal problemi ta' droga jew vandaliżmu fil-viċinati tagħhom, jew dwar miżuri possibbli li n-nies ħadu sabiex jiżguraw is-sikurezza tagħhom.

Il-kwestjonarju fih mistoqsijiet dwar l-istatus ta' minoranza (minoranza etnika, minoranza reliġjuża, u minoranza sesswali, minoranza relatata mal-kulur tal-ġilda jew diżabilità). Dan il-varjabbli ta' sfond se jintuża sabiex jiġi ddeterminat is-sodisfazzjon fir-rigward tal-pulizija b'mod ġenerali u sabiex jiġi vverifikat jekk il-membri tal-minoranzi humiex aktar sodisfatti jew mhux sodisfatti fir-rigward tal-pulizija u tas-sistema tal-ġustizzja mill-bqija tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jista' jiġi ddeterminat jekk humiex aktar spiss vittmi ta' vjolenza.

Il-kwestjonarju tal-istħarriġ tħejja abbażi tal-kwestjonarju tal-istħarriġ tal-2013, filwaqt li ttieħed vantaġġ mill-esperjenza miksuba mill-proġett tal-Istħarriġ tal-UE dwar is-Sikurezza, mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kriminalità u s-Sikurezza (EU-ICS) (li fih il-Lussemburgu pparteċipa fl-2004/2005) u mill-ħidma tat-Task Force tal-Eurostat sabiex jiġi żviluppat kwestjonarju dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru . https://statistiques.public.lu/fr/enquetes/espace-menages/securite/

Fin-**Norveġja**, l-istitut nazzjonali tal-istatistika, Statistics Norway, ħoloq żewġ definizzjonijiet sabiex jgħinu fid-determinazzjoni tal-oriġini tan-nies, li huma applikati kemm għad-*data* amministrattiva kif ukoll għad-*data* tal-istħarriġ:

- *Immigranti*: individwi li emigraw lejn in-Norveġja, u li twieldu f'pajjiż ieħor lil ġenituri li twieldu barra min-Norveġja, u erba' nanniet li twieldu barra min-Norveġja
- *Imwielda fin-Norveġja b'ġenituri immigranti*: imwielda fin-Norveġja lil ġenituri li twieldu barra min-Norveġja, u b'erba' nanniet li twieldu barra min-Norveġja.

B'dan il-mod huwa possibbli li ssir distinzjoni bejn l-immigranti tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni fin-Norveġja. Dan ma japplikax għal persuni adottati minn barra l-pajjiż, u għalhekk tiġi kkunsidrata l-oriġini soċjali u mhux bijoloġika.

Eżempji ta' stħarriġ b'dawn il-varjabbli jinkludu Norwegian survey on quality of life (l-ewwel darba fl-2020) u Survey on living conditions among persons with immigrant background (2016). Fiż-żewġ stħarriġiet, il-varjabbli jagħmluha possibbli li titqabbel il-parti tal-popolazzjoni li toriġina f'pajjiż ieħor mal-popolazzjoni kollha. Dawn il-varjabbli huma applikati wkoll għal *data* amministrattiva dwar l-użu tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali, il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet, l-introjtu, u l-istatistika tas-suq tax-xogħol.

Mill-2016, il-Ministeru **Netherlandiż** għall-Intern, il-Pulizija Nazzjonali u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Servizzi Muniċipali kontra d-diskriminazzjoni ilhom jippubblikaw ċifri dwar inċidenti ta' diskriminazzjoni rreġistrati mill-pulizija u lmenti riċevuti mill-korpi għall-ugwaljanza f'rapport wieħed ta' diversi aġenziji.

Dan ir-rapport jiġbor flimkien, jippreżenta u jikkontestwalizza d-*data* minn diversi istituzzjonijiet li jittrattaw l-ilmenti dwar id-diskriminazzjoni f'kuntesti differenti. Dan jispjega wkoll ir-relazzjonijiet u d-differenzi bejn is-settijiet tad-*data* rilevanti.

Qabel, iċ-ċifri annwali dwar l-inċidenti u l-ilmenti ta' diskriminazzjoni kienu jiġu ppubblikati separatament minn xi wħud minn dawn l-aġenziji (il-Pulizija Nazzjonali, l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Aġenziji Muniċipali Kontra d-Diskriminazzjoni).

Qed tingħata attenzjoni sa liema punt il-kategoriji fost l-aġenziji huma komparabbli. Bl-istess mod, iċ-ċifri huma ppreżentati fil-kuntest li fih jinġabru. Madankollu, l-aġenziji qed jippruvaw jallinjaw il-prattika tagħhom kemm jista' jkun. Għad hemm xi differenzi, minħabba l-istruttura legali li fuqha hija bbażata kull aġenzija.

### Eżempji minn approċċi li l-korpi għall-ugwaljanza jieħdu sabiex itejbu l-armonizzazzjoni

Fl-2018, grupp ta' ħidma dwar ir-riċerka u l-ġbir tad-*data* mill-Equinet (in-Network Ewropew tal-Korpi għall-Ugwaljanza) wettaq stħarriġ dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ilmenti. L-għan ta' dan l-istħarriġ kien li jiġu identifikati l-aspetti komuni fost il-korpi għall-ugwaljanza fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-ilmenti li jiġbru u l-finijiet li jużaw id-*data* għalihom.

Minkejja d-differenzi fil-mandati u fil-funzjonijiet, ir-riżultati minn dawn il-korpi juru xi similaritajiet importanti. Pereżempju, kważi 90 % ta' dawk li jieħdu sehem fl-istħarriġ jirreġistraw għadd ta' lmenti magħmula dwar diskriminazzjoni razzjali/etnika. Ir-rapport fih ukoll rakkomandazzjonijiet dwar kif dawn il-korpi jistgħu jtejbu l-ġbir u l-użu tagħhom tad-*data* dwar l-ilmenti. Pereżempju, huma "*għandhom japplikaw kategoriji diżaggregati u dettaljati kemm jista' jkun għall-ġbir ta' data dwar l-ilmenti*" u jiċċaraw id-definizzjonijiet użati, sabiex tiżdied il-komparabbiltà tad-*data* dwar l-ilmenti tagħhom.[23]

## 4. Iġbor u uża d-*data* dwar l-ugwaljanza f'konformità sħiħa mar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mar-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*

Il-ġbir ta' *data* personali diżaggregata mill-karatteristiċi personali, bħall-oriġini razzjali jew etnika, huwa protett minn normi kostituzzjonali, mil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE (GDPR), li daħal fis-seħħ fl-2018, kif ukoll id-Direttiva 2016/680 (l-Artikolu 10) dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali, taw bidu għal riflessjonijiet dwar kif jinġabru u jiġu pproċessati legalment "kategoriji speċjali ta' *data* personali" bħal dawk relatati mal-oriġini razzjali jew etnika, is-saħħa, ir-reliġjon/it-twemmin u l-orjentazzjoni sesswali.[24]

### Raġuni

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020-2025 jistipula li "*Prerekwiżit għall-progress lejn sett komuni ta' data huwa r-rispett sħiħ għan-normi kostituzzjonali, il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ*

[23] FRA (2021), Equality in the EU – 20 years on from the initial implementation of the equality directives, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), p. 56-58.

*salvagwardji biex jiġi żgurat li data sensittiva dwar l-ugwaljanza ma tkunx tista' tiġi relatata lura mal-individwu. Dan jimplika konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari biex jittaffa kwalunkwe riskju potenzjali ta' użu ħażin jew abbuż."*[25][26]

## Gwida

- Il-ġbir u l-ipproċessar kollha tad-*data* dwar l-ugwaljanza għandhom isiru f'konformità sħiħa mal-prinċipji u s-salvagwardji fil-GDPR.
- F'konformità mal-GDPR, id-*data* ma għandhiex tiġi ppubblikata jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod li jippermetti li jiġu identifikati suġġetti individwali tad-*data*, direttament jew indirettament.
- *"Il-GDPR jippermetti l-ġbir u l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali taħt ċerti kundizzjonijiet, inkluż għall-finijiet statistiċi jew ta' riċerka (l-Artikolu 9(2)(a), (g) u (j)). Dawk li jiġbru d-data u l-proċessuri tad-data fl-Istati Membri tal-UE għandhom ifittxu l-parir tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data tagħhom u gwida ulterjuri mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) dwar is-salvagwardji li jeħtieġ li jiġu applikati meta jinġabru u jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' data personali, inkluż għall-fini ta' riċerka xjentifika (l-Artikolu 9(2)(j) tal-GDPR). Meta jagħmlu dan, għandhom jieħdu kont xieraq tal-opinjoni preliminari tal-EDPS dwar il-protezzjoni tad-data u r-riċerka xjentifika mis-6 ta' Jannar 2020 u l-gwida tal-EDPB li ġejja dwar il-protezzjoni tad-data u r-riċerka xjentifika."*[27]

**Salvagwardji:**

Skont l-Artikolu 9 tal-GDPR il-kategoriji speċjali ta' *data* personali jinkludu "*data personali, li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union*", kif ukoll id-"*data ġenetika, data bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, data dwar is-saħħa jew data dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika.*"

L-Artikolu 9(2) tal-GDPR jistipula li l-projbizzjoni ġenerali għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali (l-Artikolu 9(1)) *ma tapplikax* f'diversi każijiet, li jinkludu:

- meta **s-suġġett tad-data jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar** ta' dik id-data personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, għajr fejn id-dritt tal-UE jew dak nazzjonali jipprevjeni lis-suġġett tad-data milli jneħħi l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 9;
- meta l-ipproċessar ikun meħtieġ **għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, abbażi tad-dritt tal-UE jew nazzjonali** – dment li l-ipproċessar ikun proporzjonat mal-għan segwit, jirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u jipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi sabiex jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data*;
- meta l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-**finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għall-finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għall-finijiet ta' statistika**, f'konformità mal-Artikolu 89(1)

[25] Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020-2025, p. 16.

[26] FRA (2021), *Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the equality directives*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), p. 19f u p. 65.

[27] FRA (2021), *Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the equality directives*, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), p. 21.

[28]**abbażi tad-dritt tal-UE jew nazzjonali** - dment li l-ipproċessar ikun proporzjonat mal-għan segwit, jirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u jipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi sabiex jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data*.

- *Dawn is-salvagwardji jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi sabiex jiġi żgurat li jiġi segwit il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-psewdonimizzazzjoni[29], dment li l-finijiet (kif elenkati hawn fuq) ikunu jistgħu jiġu ssodisfati b'dak il-mod. Fejn dawk il-finijiet jistgħu jiġu sodisfatti bi pproċessar ulterjuri li ma jippermettix jew ma għadux jippermetti l-identifikazzjoni ta' suġġetti tad-data dawk il-finijiet għandhom jiġu sodisfatti b'dak il-mod.*

- L-Istati Membri huma wkoll kapaċi skont il-GDPR jippromulgaw "*aktar kondizzjonijiet, inklużi limitazzjonijiet, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data ġenetika, data bijometrika jew data dwar is-saħħa*" (l-Artikolu 9(4)). Għalhekk dan huwa qasam ġdid u jeħtieġ l-adozzjoni ta' liġi tal-UE jew nazzjonali qabel ma jkun jista' jsir kompletament operattiv l-użu ta' kategoriji speċjali ta' *data* għall-finijiet ta' riċerka.

- Barra minn hekk , il-premessa 26 tal-GDPR tiċċara li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* japplikaw għal kategoriji speċjali ta' *data* personali li tikkonċerna persuna fiżika identifikata jew identifikabbli. B'kuntrast ma' dan, dawn **ma japplikawx għal informazzjoni anonima jew għal *data* personali li ssir anonima** b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli. Dan jimplika li jekk l-informazzjoni pproċessata tkun anonima jew tkun saret anonima, tali *data* tista' tintuża għall-finijiet statistiċi aggregati sabiex jiġu identifikati u rreġistrati x-xejriet fl-ugwaljanza.[30]

- Fl-opinjoni preliminari tiegħu dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-riċerka xjentifika, l-EDPS jirrakkomanda: "*intensifikazzjoni tad-djalogu bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u l-bordijiet ta' reviżjoni etika għal fehim komuni ta' liema attivitajiet jikkwalifikaw bħala riċerka ġenwina, kodiċijiet ta' kondotta tal-UE għar-riċerka xjentifika, allinjament aktar mill-qrib bejn il-programmi qafas tar-riċerka tal-UE u standards tal-protezzjoni tad-data u l-bidu ta' dibattitu dwar iċ-ċirkostanzi li fihom l-aċċess mir-riċerkaturi għad-data miżmuma minn kumpaniji privati tista' tkun ibbażata fuq l-interess pubbliku.*"

- Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri huma mħeġġa jneħħu l-ostakli li japplikaw għal xi korpi pubbliċi, li bħalissa mhumiex qed jiġbru *data* diżaggregata mill-oriġini razzjali u etnika.

## Eżempji ta' prattika nazzjonali

L-Ombudsman fil-**Kroazja** ħareġ rakkomandazzjonijiet lill-korpi u lill-awtoritajiet kompetenti tal-amministrazzjoni pubblika (speċjalment fl-oqsma tal-affarijiet interni, tas-saħħa, tal-protezzjoni soċjali, tax-xogħol, tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u tal-edukazzjoni) sabiex jibdew jiġbru u jipproċessaw kategoriji speċjali ta' *data* personali, inklużi dawk dwar l-etniċità jew l-oriġini nazzjonali,

[28] L-Artikolu 89 tal-GDPR jistabbilixxi aktar salvagwardji u l-possibbiltà ta' derogi abbażi tad-dritt tal-UE jew nazzjonali, speċifikament rigward l-ipproċessar għall-finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku; għall-finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika; jew għall-finijiet statistiċi.

[29] "Psewdonimizzazzjoni" tfisser l-ipproċessar ta' *data* personali b'tali mod li d-*data* personali ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita għal suġġett tad-*data* speċifiku mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-*data* personali ma tiġix attribwita għal persuna fiżika identifikata jew identifikabbli. Sors: https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-5419-2016-INIT/en/pdf p. 112.

[30]FRA (2021), *Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the equality directives,* il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet), p. 21.

filwaqt li japplikaw miżuri protettivi adegwati sabiex tinftiehem aħjar id-diskriminazzjoni strutturali. Fil-passat, l-amministrazzjoni tal-Istat argumentat regolarment li ma jistgħux jagħmlu dan minħabba l-GDPR.

**L-Istitut tas-Saħħa Pubblika Kroat** stabbilixxa kooperazzjoni mal-Ministeru għall-Affarijiet Interni sabiex itejjeb il-monitoraġġ tas-saħħa (u d-determinanti soċjali għaliha) tal-membri tal-minoranza nazzjonali tar-Rom. Dan isegwi opinjoni pożittiva mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali dwar il-ġbir tad-*data* dwar l-affiljazzjoni nazzjonali u etnika f'konformità mal-GDPR. Din hija waħda mill-miżuri inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-Inklużjoni tar-Rom 2021-2027, ġestita mill-Uffiċċju tal-Gvern Kroat għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Minoranzi Nazzjonali.

L-uffiċċju tal-istatistika **Portugiż** ħadem mill-qrib flimkien mal-Uffiċjal tal-Istatistika tal-Portugall għall-Protezzjoni tad-*Data* sabiex jiżgura li r-rekwiżiti kollha tal-GDPR jiġu ssodisfati għall-istħarriġ pilota dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-oriġini u t-trajettorji tal-popolazzjoni residenti fil-Portugall. Għall-kwestjonarju, saru aġġustamenti, bħal:

- li l-istħarriġ isir volontarju, għall-kuntrarju tal-istħarriġiet l-oħra kollha tal-unitajiet domestiċi, fejn ikun obbligatorju;
- ir-rispondenti u dawk li jgħixu fl-unità domestika se jkollhom l-għażla li ma jagħtux isimhom;
- l-intervistaturi se jkunu obbligati jissottomettu l-intervisti lesti lill-kaxxa ċentrali minnufih, sabiex l-informazzjoni personali mill-persuni intervistati tkun tista' titħassar mill-kompjuters tax-xogħol tagħhom mill-aktar fis possibbli (fejn jintużaw il-moduli ta' intervista CABI jew CATI);
- l-ismijiet, l-indirizzi u karatteristiċi oħra tal-membri tal-unitajiet domestiċi mhux se jiġu inklużi fil-bażi tad-*data* finali disponibbli għall-finijiet ta' analiżi interna;
- il-fluss tad-*data* kollha fis-sistemi tal-kompjuter ta' Statistics Portugal se jiġi vvalutat kif xieraq, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib possibbli kollu dwar is-sigurtà.

Fin-**Netherlands**, permezz tal-Barometru tagħhom dwar id-Diversità Kulturali fl-organizzazzjonijiet, proġett pilota fost tmien organizzazzjonijiet pubbliċi u privati rċieva evalwazzjoni pożittiva mill-awtorità tal-protezzjoni tad-*data*. Minħabba li l-privatezza tal-impjegati individwali hija importanti, Statistics Netherlands tanalizza d-*data* dwar il-forza tax-xogħol ipprovduta mill-impjegaturi b'mod anonimu u tipproduċi biss riżultati f'livell aggregat. Ma hemmx bżonn li tinġabar u tiġi ppreżentata *data* dwar impjegati individwali. Id-*data* kollha hija anonima u aggregata fil-livell tal-grupp. Jekk id-daqs tal-grupp ikun żgħir wisq, l-uffiċċju tal-istatistika ma jippubblikax din id-*data*.

## 5. Iġbor (kif għandek tiġbor) l-informazzjoni dwar l-awtoidentifikazzjoni abbażi tal-"oriġini razzjali jew etnika"

### Raġuni

Skont l-UN Principles and Recommendations for Population and Housing Censuses related to Ethnicity (il-paragrafu 4.183.), id-*data* dwar l-etniċità tipprovdi informazzjoni dwar id-diversità ta' popolazzjoni u tista' sservi sabiex tidentifika sottogruppi f'popolazzjoni. Xi oqsma ta' studju li jiddependu fuq tali *data* jinkludu x-xejriet demografiċi, il-prattiki u l-opportunitajiet ta' impjieg, id-distribuzzjonijiet tal-introjtu, il-livelli edukattivi, it-tendenzi u x-xejriet tal-migrazzjoni, il-kompożizzjoni u l-istruttura tal-familja, in-networks ta' appoġġ soċjali, il-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-vittimizzazzjoni tal-kriminalità.

Il-Human Rights-Based Approach to Data tal-OHCHR jiddikjara li l-popolazzjonijiet ta' interess għandhom jiddefinixxu lilhom infushom, li jfisser li l-parametri tal-popolazzjoni ma jistgħux jiġu imposti minn parti esterna jew assenjati permezz ta' imputazzjoni jew indikatur.

Għalhekk, il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-awtoidentifikazzjoni tal-persuna f'termini ta' oriġini razzjali jew etnika jista' jkun rilevanti għal:

- għanijiet tad-diżaggregazzjoni tad-*data*, sabiex jiġu analizzati l-inugwaljanzi (strutturali u sistemiċi) fl-eżiti.
- analiżi tal-inugwaljanzi intersezzjonali (eż. eżami ta' informazzjoni dwar l-oriġini razzjali jew etnika fir-rigward ta' *data* dwar karatteristiċi protetti oħra, bħas-sess, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon, it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali, eċċ.).
- fehim aħjar tal-fatturi li potenzjalment jikkontribwixxu għal, isaħħu, jew jissottolinjaw l-inugwaljanzi sistemiċi/strutturali fl-eżiti kif ukoll id-diskriminazzjoni u r-razziżmu.
- l-għoti tas-setgħa lil minoranzi etniċi u lil oħrajn razzjalizzati u gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni: *"l-evidenza statistika abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika jista' jkollha rwol deċiżiv fil-proċedimenti legali. Ir-rikorrenti individwali spiss isibu ruħhom fil-bżonn ta' evidenza statistika sabiex isostnu t-talba tagħhom, b'mod partikolari fejn tkun involuta diskriminazzjoni indiretta,* [...] u kif *rikonoxxut fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (il-premessa 15)."*[31]
- għanijiet tat-teħid ta' kampjuni jew tal-iskrinjar tar-rispondenti eliġibbli fi stħarriġ.

Kif imsemmi fil-UNECE Guide to Data Disaggregation for Poverty measurement, *"l-identità etnika tista' titkejjel bl-użu ta' varjetà ta' kunċetti, inklużi l-dixxendenza jew l-oriġini etnika, il-grupp etniku, l-oriġini kulturali, in-nazzjonalità, ir-razza, il-kulur [tal-ġilda], l-istatus ta' minoranza, it-tribù, il-lingwa, ir-reliġjon* – [u f'ħafna każijiet permezz ta' varjabbli ta' indikaturi bħall-pajjiż tat-twelid, il-pajjiż tat-twelid tal-ġenituri, iċ-ċittadinanza] - *jew diversi kombinazzjonijiet ta' dawn il-kunċetti"*.[32]

## Gwida

- Għall-finijiet tal-ġbir tad-*data*, **il-popolazzjonijiet ta' interess għandhom jiddefinixxu lilhom infushom**. Dan il-prinċipju huwa essenzjali, speċjalment meta l-"oriġini razzjali jew etnika" tirreferi għal aspett tar-rabta ta' persuna jew l-identifikazzjoni tagħha ma' grupp etniku jew ma' kwalunkwe grupp ieħor ta' minoranza. L-askrizzjoni jew l-identifikazzjoni tal-oriġini razzjali jew etnika ta' rispondent attribwit minn terzi (eż. intervistatur jew fornitur ta' servizz) ma tikkorrispondix neċessarjament mal-identifikazzjoni proprja ta' persuna.

  F'każijiet fejn tista' tkun meħtieġa għal raġunijiet loġistiċi, politiċi jew raġunijiet oħra sabiex jintużaw karatteristiċi demografiċi biex tiġi identifikata popolazzjoni partikolari, l-OHCHR guide towards a human rights based approach to data tirrakkomanda li dawk li jiġbru d-*data* jiżguraw li jagħmlu pubbliku li l-ġestjoni u l-pubblikazzjoni tagħhom ta' dik id-*data* ma

---

[31] Al-Zubaidi, Y. (2020), "Some reflections on racial and ethnic statistics for anti-discrimination purposes in Europe", fil-: *European equality law review*, Ħarġa 2, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, pp. 62-72, p. 65.

[32] Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) (2020), *Poverty Measurement – Guide to Data Disaggregation*, p. 33.

timplikax awtoidentifikazzjoni jekk ma tkunx ġiet żvelata informazzjoni personali dwar l-identità etnika.[33]

- Spjega l-għan ta' kwalunkwe ġbir ta' *data* relatata mal-oriġini razzjali jew etnika u bbaża l-ġbir tad-*data* madwar l-aħjar prattika u t-trasparenza. Dan iżid il-livell ta' fiduċja madwar kwalunkwe ġbir ta' *data* etnika.

- Dawk li jiġbru d-*data* huma rrakkomandati li jfittxu l-involviment tal-komunitajiet/gruppi ta' interess fl-aspetti kollha tal-attivitajiet ta' ġbir tagħhom, inkluż is-sejbien tal-aktar kategoriji xierqa għall-identifikazzjoni tal-"oriġini razzjali jew etnika" ta' individwu bħala deskrizzjoni soċjali. Dan jiżgura li l-komunitajiet/gruppi tal-popolazzjoni affettwati jiġu ttrattati bħala esperti fir-realtà tagħhom stess u jgħinu sabiex jiġi miġġieled il-preġudizzju inkonxju.

- Peress li d-definizzjonijiet, il-kunċetti u l-kategorizzazzjonijiet jistgħu jinfluwenzaw ir-rispons potenzjali, dawk li jwettqu l-ġbir tad-*data* abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika għandhom jiżguraw li l-kriterji bażiċi użati sabiex jitkejjel il-kunċett ta' "oriġini razzjali jew etnika" fi stħarriġ, ċensiment, sors ta' *data* amministrattiva, eċċ. jiġu spjegati b'mod ċar lir-rispondenti; l-istess huwa rilevanti għat-tixrid tad-*data* li tirriżulta.

- Peress li "rabta ma'/identifikazzjoni ma' grupp etniku/ta' minoranza/razzjalizzat" hija multidimensjonali u hija proċess aktar minn kunċett statiku, din il-klassifikazzjoni għandha tiġi ttrattata b'konfini mobbli.[34] Għalhekk, huwa rrakkomandat li dawk li jiġbru d-*data* jagħtu lir-rispondenti l-għażla li jindikaw diversi affiljazzjonijiet etniċi/ta' grupp jew kombinazzjoni ta' affiljazzjonijiet etniċi/ta' grupp (jiġifieri għażla għal kategoriji mħallta). L-informazzjoni dwar identitajiet multipli (imħallta) tista' tinġabar permezz ta' mistoqsija unika b'diversi tweġibiet jew bl-użu ta' diversi mistoqsijiet bi tweġiba waħda. Sabiex l-identifikazzjoni tinġabar bħala proċess u jiġu evitati l-kunċetti statiċi, ir-rabta jew l-identifikazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika jistgħu jitkejlu wkoll fuq skala (eż. minn "mingħajr rabta jew b'rabta baxxa" sa "rabta għolja").

- Għal sorsi amministrattivi: Il-klassifikazzjonijiet użati fid-*data* amministrattiva jridu jiġu aġġornati regolarment ukoll. Minħabba li ma hemm l-ebda garanzija li persuna tkompli tidentifika lilha nnifisha bl-istess mod, speċjalment jekk ikun għadda żmien twil minn meta l-informazzjoni tkun oriġinarjament inġabret u ddaħħlet f'reġistru jew f'sors amministrattiv, huwa rrakkomandat li n-nies jingħataw l-opportunità li jirrevedu din l-informazzjoni kull meta persuna teħtieġ tali reviżjoni fuq inizjattiva tagħha stess.

- Skont il-mod tal-ġbir tad-*data* (online, wiċċ imb'wiċċ, bit-telefon) u s-sors tad-*data* (reġistru amministrattiv, ċensiment, stħarriġ, eċċ.), dawk li jiġbru d-*data* għandhom jispjegaw fl-istruzzjonijiet tekniċi u fid-dokumentazzjoni kif għandha tiġi rrapportata l-"oriġini razzjali jew etnika" tat-tfal minn koppji "mħallta" (pereżempju, struzzjonijiet espliċiti li jippermettu lir-rispondenti jipprovdu tweġibiet multipli jew li jippermettu tweġibiet bħal "Birazzjali").

[33] OHCHR, 2018, *A Human Rights-Based Approach to Data: Leaving no one behind in the 2030 agenda for sustainable development*, in-Nazzjonijiet Uniti 2018, p. 13.

[34] Din tista' tkun kwistjoni partikolarment għall-ġbir tad-*data* amministrattiva. Pereżempju, jekk awtorità tas-saħħa tibda tiġbor, fil-forom tagħha, l-etniċità awtodikjarata ta' persuna, dan se jibqa' fis-sistema sakemm l-informazzjoni titneħħa jew il-persuna tkun trid tibdel l-informazzjoni tagħha. Sakemm ma jkunx hemm opportunitajiet ipprovduti biex isiru dawn il-bidliet, u n-nies jiġu mfakkra b'mod regolari dwar l-informazzjoni dwarhom li tiġi ssejvjata fis-sistema, ċerti karatteristiċi – ladarba jinġabru – jistgħu jibqgħu fis-sistema, anki jekk ma jibqgħux jikkorrispondu mal-mod kif persuna tikkaratterizza lilha nnifisha llum.

- Skont l-UN Principles and Recommendations for Population and Housing Censuses related to Ethnicity (il-paragrafu 4.185.), il-klassifikazzjoni ta' gruppi etniċi/minoritarji teħtieġ ukoll l-inklużjoni tal-ogħla livelli ta' affiljazzjonijiet etniċi/ta' grupp, ta' gruppi awtoperċepiti, ta' gruppi reġjonali u lokali, kif ukoll ta' gruppi li normalment ma jitqisux bħala gruppi etniċi, bħal gruppi reliġjużi u dawk ibbażati fuq in-nazzjonalità.

- Il-pajjiżi li jiġbru *data* dwar l-etniċità għandhom jinnotaw li l-prekodifikazzjoni jew il-preklassifikazzjoni ta' gruppi etniċi fiż-żmien tal-ġbir tad-*data* jista' jkollhom tendenza li jitilfu informazzjoni dettaljata dwar id-diversità ta' popolazzjoni **sakemm ma jkunx possibbli l-ispazju sabiex jiġu rreġistrati identitajiet/gruppi etniċi mhux speċifikati "oħrajn" u reazzjonijiet b'test liberu.** Pereżempju, wara li kkonsulta mal-organizzazzjonijiet rilevanti kollha tar-Rom fil-Bulgarija matul l-implimentazzjoni tal-istħarriġ EU-MIDIS II tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-istħarriġ uża showcard b'25 kategorija għall-awtoidentifikazzjoni matul l-iskrinjar għal rispondenti eliġibbli tar-Rom. Il-lista inkludiet pereżempju, kategoriji bħal: *Rom, Gypsy, Ierlii, Damidjii, Bakardjii, Dzambasi, Rudari/Ludari, Kopanari, Vlasi* eċċ. Għalhekk, dawk li jiġbru d-*data* għandhom jiddeċiedu liema kategoriji huma l-aktar importanti u sinifikanti għar-rispondenti, li idealment għandhom isiru f'kooperazzjoni mal-komunitajiet/gruppi li minnhom se tinġabar id-*data*.

- Meta tintuża għażla ta' tweġiba b'test liberu biex tinġabar informazzjoni dwar l-awtoidentifikazzjoni, dawk li jiġbru d-*data* huma mistiedna jikkunsidraw l-twissijiet li ġejjin: (1) in-nies mhux dejjem jaħsbu b'mod spontanju dwarhom infushom f'termini razzjali jew etniċi; (2) mistoqsija miftuħa spiss tipproduċi għadd kbir ħafna ta' tweġibiet, li jeħtieġ li jiġu riklassifikati u mnaqqsa fil-pass li jmiss sabiex isiru utli għal analiżi ulterjuri.

- Il-mistoqsija jew il-mistoqsijiet dwar l-identifikazzjoni razzjali jew etnika għandhom isiru b'mod li jippermetti lir-rispondent jara l-għażliet kollha ta' tweġiba possibbli qabel ma jieħu d-deċiżjonijiet.[35]

- L-individwi għandu jkollhom l-għażla li jiżvelaw jew iżommu informazzjoni dwar il-karatteristiċi personali tagħhom. Dan ifisser li l-għoti ta' informazzjoni personali dwar l-affiljazzjoni etnika ta' persuna għandu jkun fakultattiv għar-rispondenti potenzjali u dan għandu jiġi komunikat b'mod ċar lilhom fl-istruzzjonijiet ta' qabel il-mistoqsija dwar kif huma jidentifikaw lilhom infushom f'termini razzjali jew etniċi.

  Id-*data* għandha tinġabar bil-kunsens tar-rispondent, in-nonparteċipazzjoni għandha tkun għażla (pereżempju, sabiex tiġi ggarantita l-awtodikjarazzjoni libera ta' "oriġini razzjali jew etnika", ir-rispondenti għandhom jitħallew jindikaw "Xejn" jew "Mhux iddikjarat"[36]). Il-parteċipazzjoni għandha ssir fuq bażi volontarja. Speċjalment peress li l-mistoqsijiet dwar l-esperjenza tar-razziżmu u d-diskriminazzjoni jistgħu jinvolvu diffikultajiet emozzjonali u stress, huwa meħtieġ li jiġi evitat piż żejjed fuq ir-rispondenti.

- Dawk li jiġbru d-*data* u l-organizzazzjonijiet/il-korpi involuti fl-attivitajiet tal-ġbir tad-*data* huma rrakkomandati jinvestu fit-taħriġ tal-persunal (għall-enumeraturi u l-intervistaturi kif ukoll għall-analisti tad-*data* u għall-fornituri tas-servizzi). Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' portal

[35] Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) (2020), *Poverty Measurement – Guide to Data Disaggregation*, p. 33.

[36] UN Principles and Recommendations for Population and Housing Censuses related to Ethnicity (para 4.186).

ta' taħriġ online. Il-komunitajiet etniċi jistgħu jintalbu jipprovdu taħriġ estern dwar is-sensibilizzazzjoni.

- L-attivitajiet tal-ġbir tad-*data* ma għandhomx ikollhom impatt negattiv: dawn għandhom jitwettqu skont il-prinċipju tad-drittijiet tal-bniedem ta' "la tagħmilx ħsara". L-informazzjoni miġbura permezz ta' konsultazzjonijiet preċedenti u proċessi parteċipattivi għandha tiġi riveduta, sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq gruppi vulnerabbli. Ostaklu potenzjali għall-parteċipazzjoni, irrispettivament mill-mod ta' intervista, jista' jkun il-fatt li xi gruppi ta' minoranza spiss jintalbu jipparteċipaw fir-riċerka bi stħarriġ, iżda mhux neċessarjament jaraw bidliet bħala riżultat jew kwalunkwe benefiċċju dirett. Dawk li jiġbru d-*data* jeħtieġ li jenfasizzaw b'mod ċar il-benefiċċji tal-parteċipazzjoni u x'inhuma l-għanijiet ewlenin, itaffu t-tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza u, fejn possibbli, juru fejn inkiseb tibdil permezz ta' stħarriġiet simili oħra.
- L-Istati Membri u dawk li jiġbru d-*data* relevanti għandu jkollhom l-għan li jikkondividu regolarment il-prattika tajba *dwar jekk* u *kif* tinġabar informazzjoni dwar l-awtoidentifikazzjoni f'sorsi amministrattivi. Il-ġbir ta' *data* dwar l-awtoidentifikazzjoni razzjali/etnika għall-finijiet amministrattivi jew f'sorsi ta' *data* amministrattiva huwa possibbli f'xi każijiet. F'għadd magħżul ta' pajjiżi (eż., il-Bulgarija, l-Ungerija, l-Irlanda, is-Slovakkja), *data* bħal din inġabret permezz ta' ċensiment. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, is-sorsi ta' *data* amministrattiva jiddependu primarjament fuq informazzjoni indikattiva li tindika sfond etniku jew ta' immigrazzjoni (għal indikaturi, ara l-Prinċipju Gwida Nru 6).
- Dawk li jiġbru d-*data* għandhom jipprovdu informazzjoni ċara u aċċessibbli b'mod miftuħ dwar l-operazzjonijiet tagħhom, inkluż id-disinn tar-riċerka u l-metodoloġija tal-ġbir tad-*data*. Id-*data* miġbura mill-aġenziji tal-Istat għandha tkun aċċessibbli b'mod miftuħ għall-pubbliku.[37]

## Eżempji ta' prattika nazzjonali

Iċ-Ċensiment Irlandiż tal-2016 staqsa mistoqsijiet dwar l-awtoidentifikazzjoni razzjali/etnika kif ġej:

*X'inhu l-grupp etniku tiegħek?*

A. Abjad
1. Irlandiż
2. Traveller Irlandiż
3. Kwalunkwe sfond abjad ieħor

B. Iswed jew Irlandiż iswed
1. Afrikan
2. Kwalunkwe sfond iswed ieħor

C. Asjatiku jew Irlandiż Asjatiku
1. Ċiniż
2. Kwalunkwe sfond Asjatiku ieħor

D. Oħrajn, inkluż sfond imħallat

Fl-2019 sar eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika sabiex jiġi rivedut il-kontenut tal-kwestjonarju taċ-ċensiment li jmiss. B'riżultat ta' dik il-konsultazzjoni, żdiedu kategoriji addizzjonali mal-mistoqsija tal-etniċità għal: Persuni Rom, Indjani/Pakistani/Bangladeshi, Għarab u Mħalltin. Għad-dettalji, ara r-

[37] OHCHR, 2018, *A Human Rights-Based Approach to Data: Leaving no one behind in the 2030 agenda for sustainable development*, in-Nazzjonijiet Uniti 2018, p. 14.

rapport sħiħ mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni, hawn taħt hawn il-mistoqsija riveduta tal-etniċità għaċ-ċensiment li jmiss (skedat għall-2022):

*X'inhu l-grupp/isfond etniku tiegħek?*

A. Abjad
   1. Irlandiż
   2. Traveller Irlandiż
   3. Rom
   4. Kwalunkwe sfond abjad ieħor

B. Iswed jew Irlandiż iswed
   5. Afrikan
   6. Kwalunkwe sfond iswed ieħor

C. Asjatiku jew Irlandiż Asjatiku
   7. Ċiniż
   8. Indjan/Pakistan/Bangladeshi
   9. Kwalunkwe sfond Asjatiku ieħor

D. Oħrajn, inkluż grupp/sfond imħallat
   10. Għarbi
   11. Imħallat, ikteb fid-deskrizzjoni
   12. Oħrajn, ikteb fid-deskrizzjoni

Barra minn hekk, qed nistaqsu mistoqsijiet separati sabiex jitkejlu d-diżabilità u r-reliġjon. Għad-dettalji, ara din il-kopja tal-formola tas-Censiment 2022.

F'**Malta**, iċ-ċensiment nazzjonali ppjanat għal Novembru 2021 jinkludi mistoqsijiet dwar l-oriġini razzjali, ir-reliġjon u l-orjentazzjoni sesswali. Fir-rigward tal-oriġini razzjali speċifikament, il-kwestjonarju taċ-ċensiment jinkludi mistoqsija li tistieden tweġiba awtodeterminata. L-informazzjoni li qed tinġabar se tkun l-ewwel darba għal Malta, peress li dan it-tip ta' informazzjoni qatt ma nġabar fil-passat permezz taċ-ċensiment jew permezz ta' stħarriġiet nazzjonali oħra.[38]

**Fi Spanja** fl-2021, id-Direttorat Ġenerali għat-Trattament Ugwali u d-Diversità Etnika u Razzjali kkummissjona studju "Examination of the African and Afro-descendant population in Spain – Identity and access to rights" b'enfasi fuq kif in-nies Afrikani u ta' dixxendenza Afrikana li jgħixu fi Spanja jeżerċitaw u jgawdu d-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali, kulturali u ekonomiċi tagħhom, bħala grupp soċjali speċifiku u bħala vittma kollettiva potenzjali tad-diskriminazzjoni. L-istudju huwa bbażat fuq żewġ stħarriġiet online li jindirizzaw il-popolazzjoni rilevanti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mistoqsijiet dwar l-esperjenzi tad-diskriminazzjoni u t-tfassil ta' profili tal-pulizija. F'dan l-istudju kien hemm mistoqsija miftuħa li tippermetti lin-nies ta' dixxendenza Afrikana li jgħixu fi Spanja jidentifikaw lilhom infushom.

Fl-**Italja**, id-Discrimination Survey għandu fil-mira wkoll il-minoranzi etniċi u jkopri diversi raġunijiet ta' diskriminazzjoni u diversi oqsma tal-ħajja, bħall-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-parteċipazzjoni politika. Sabiex tiġi indirizzata l-eżistenza possibbli ta' gruppi vulnerabbli, is-suġġetti tad-*data* se jitħallew jidentifikaw lilhom infushom abbażi ta' karatteristiċi bħall-

[38] Malta Today (2021), "Census to collect data on race, sexual orientation and religion for first time", 13 ta' Mejju 2021.

karatteristiċi fiżiċi, il-kundizzjonijiet tas-saħħa u d-diżabilità, li jkunu immigranti jew dixxendenti ta' immigranti, l-oriġini etnika u l-kulur tal-ġilda, l-affiljazzjoni reliġjuża, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru. Is-sistemi ta' kategorizzazzjoni jippermettu aktar minn kategorija ta' identifikazzjoni waħda, u jippermettu wkoll li r-rispondenti ma jiddikjarawx jew jiddikjaraw "xejn". Dan il-proġett għadu għaddej, u fl-2021 huwa skedat stħarriġ pilota.

Fl-**Italja**, is-Survey on Roma, Sinti and Caminanti Housing inclusion jipprovdi *data* sabiex tiġi mmonitorjata l-inklużjoni ta' dawn il-komunitajiet fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, li huwa parti mill-Istrateġija Nazzjonali għall-inklużjoni tar-Rom, is-Sinti u s-Ciminanti 2012-2020. L-għan huwa li jitjieb l-għarfien statistiku dwar il-popolazzjoni tar-Rom tal-Italja, li tiġi żviluppata sistema ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-politiki ta' inklużjoni, b'enfasi speċjali fuq il-proġett tat-tranżizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tar-Rom. Il-prinċipji ewlenin tal-eżerċizzju huma l-awtoidentifikazzjoni, il-ġbir tad-*data* volontarju u anonimizzat u l-involviment tar-rappreżentanti tar-Rom permezz tal-Pjattaforma Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tar-Rom.

L-Istitut **Kroat** għas-Saħħa Pubblika ħoloq "l-Indikaturi tas-Saħħa Pubblika tal-Persuni Rom fir-Repubblika tal-Kroazja, sistema li tgħaqqad id-*data* minn bażijiet tad-*data* tas-saħħa u reġistri ma' *data* etnika. Bil-ħolqien ta' sistema li tipprovdi stampa realistika tas-saħħa tar-Rom mill-istatistika disponibbli u ta' rutina dwar is-saħħa pubblika, il-miżuri tas-saħħa ppjanati bl-użu ta' indikaturi u evidenza realistiċi jistgħu jkunu aktar iffukati u effettivi. Peress li d-*data* fil-bażijiet tad-*data* u fir-reġistri tas-saħħa pubblika ma ġietx mmonitorjata b'mod regolari skont l-etniċità, l-implimentazzjoni ta' din il-miżura stabbiliet sistema innovattiva ta' analiżi u rapportar dwar is-saħħa tar-Rom, li tipprovdi għarfien dwar il-karatteristiċi soċjodemografiċi.

## Eżempji minn stħarriġiet mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

L-istħarriġiet EU-MIDIS tal-Aġenzija mmirati lejn l-immigranti u d-dixxendenti tal-immigranti jużaw approċċ multiplu għall-"oriġini razzjali jew etnika".

1. Sabiex isir kampjun tar-rispondenti eliġibbli u jiġu skrinjati, tintuża informazzjoni indikattiva dwar il-pajjiż tat-twelid tar-rispondenti u l-pajjiż tat-twelid tal-ġenituri tagħhom, peress li kważi ma hemm l-ebda qafas ta' kampjunar disponibbli fl-Istati Membri (bħall-indirizz jew ir-reġistri individwali) li jinkludi informazzjoni ta' awtoidentifikazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika.
2. Sabiex tkejjel l-awtoidentifikazzjoni, l-Aġenzija tuża kombinazzjoni ta' mistoqsijiet separati tal-istħarriġ li jitolbu lir-rispondenti informazzjoni relatata ma' aspetti differenti tal-affiljazzjonijiet/tar-rabtiet tal-grupp abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika, kif muri fit-tabelli ta' hawn taħt.[39]
3. L-Aġenzija tuża sett ta' mistoqsijiet li jkejlu l-esperjenzi tar-rispondenti tad-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika f'oqsma ewlenin tal-ħajja (ara eżempji minn stħarriġiet oħra tal-FRA skont il-Prinċipju Gwida 6 ta' din in-nota).

**Formulazzjoni tal-mistoqsija:**

[39] Madankollu, jekk persuna twieldet f'pajjiż Afrikan Sub-Saħarjan, fl-analiżi tal-FRA dawn ikunu bbażati fil-kategorija "immigranti mill-Afrika sub-Saħarjana", irrispettivament minn kemm dawn jidentifikaw ruħhom bħala Ewropej, għall-kuntrarju ta' Afrikani sub-Saħarjani. Dan huwa dovut għall-informazzjoni (mhux) disponibbli dwar l-identifikazzjoni etnika/razzjali fil-qafas tal-kampjunar u l-ħtieġa li jintuża l-pajjiż tat-twelid tar-rispondenti u l-pajjiż tat-twelid tal-ġenituri tagħhom bħala approssimazzjoni, għall-finijiet ta' kampjunar.

| IN09 | **Awtoidentifikazzjoni bħala persuna ta' dixxendenza Afrikana jew persuna sewda** |
|---|---|
| | |
| | **Tiddeskrivi lilek innifsek bħala persuna ta' dixxendenza Afrikana/persuna sewda?** |
| | TWEĠIBA WAĦDA |
| 1 | Iva |
| 2 | Le |
| *-96* | *Nippreferi ma ngħid xejn* |
| *-97* | *Mhux nifhem il-mistoqsija* |
| *-98* | *Mhux applikabbli* |
| *-99* | *Ma nafx* |

*Sors: Stħarriġ tal-UE dwar l-immigranti u d-dixxendenti*

| **RA02** | **Awtoidentifikazzjoni bħala ċittadin/Ewropew/ċittadin nazzjonali tal-pajjiż tat-twelid tar-rispondent/pajjiż tat-twelid tal-ġenituri** | |
|---|---|---|
| | STAQSI LIL KULĦADD | |
| | **In-nies jistgħu jaraw lilhom infushom b'modi differenti. Il-mistoqsija li ġejja hija dwar kif tara lilek innifsek.**<br><br>**Fuq skala minn 1 sa 5, fejn 1 tfisser "assolutament xejn" u 5 "b'mod qawwi ħafna", sa liema punt tħossok...?** | |
| | SHOW CARD RA02<br><br>AQRA B'VUĊI GĦOLJA RA02_1 SA RA01_5 | |
| | | 1 Assolutament xejn |
| | | 2 |
| **RA02_1** | Ewropew/a | 3 |
| **RA02_2** | Awstrijak(a) | 4 |
| **RA02_3** | Niġerjan(a) | 5 B'mod qawwi ħafna |
| **…** | … | *-96 Nippreferi ma ngħid xejn* |
| **….** | … | *-97 Mhux nifhem il-mistoqsija* |
| **….** | … | *-98 Mhux applikabbli* |
| | | *-99 Ma nafx* |

*Sors: FRA EU-MIDIS II*

L-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Aġenzija – stħarriġ tal-popolazzjoni ġenerali fl-UE – kien jinkludi mistoqsija dwar l-awtoidentifikazzjoni bħala minoranza etnika. Minbarra dan, l-istħarriġ staqsa lir-rispondenti dwar il-pajjiż tat-twelid tagħhom u l-pajjiż tat-twelid tal-ġenituri tagħhom.

| **r29** | **Jekk jappartjenix għal minoranza etnika** |
|---|---|
| | STAQSI LIL KULĦADD |
| | Tqis lilek innifsek bħala parti minn minoranza etnika f'[PAJJIŻ]? |
| | TISTA' TINGĦATA TWEĠIBA WAĦDA |
| 1 | Iva |
| 2 | Le |
| *888* | *Nippreferi ma ngħid xejn* |
| *999* | *Ma nafx* |

*Sors: L-istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-FRA*

## 6. Użu ta' informazzjoni indikattiva meta tinġabar *data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika (meta l-awtoidentifikazzjoni ma tkunx possibbli)

### Raġuni

Id-diżaggregazzjoni mill-oriġini razzjali jew etnika tirrikjedi li tinġabar *data* dwar il-karatteristiċi rilevanti. **In-nuqqas ta' evidenza statistika jew evidenza statistika mhux kompluta** dwar l-oriġini razzjali jew etnika toħloq tħassib, peress li tagħmilha diffiċli li tiġi vvalutata:

1. il-firxa/prevalenza reali tal-isfidi li jiffaċċjaw il-minoranzi etniċi jew il-gruppi razzjalizzati (bħar-razziżmu, id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi strutturali f'oqsma ewlenin tal-ħajja, il-kriminalità u l-fastidju mmotivati mill-preġudizzju, kif ukoll it-tfassil diskriminatorju tal-profil mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi).
2. l-effettività tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki implimentati sabiex jindirizzaw l-inugwaljanza, id-diskriminazzjoni u r-razziżmu.

Kif imsemmi qabel, peress li l-kategorizzazzjonijiet dwar l-oriġini razzjali jew etnika huma kostruzzjonijiet soċjali, ma hemm l-ebda tifsira jew kejl wieħed awtoevidenti, u għalhekk l-ebda soluzzjoni universali, fir-rigward tal-ġbir ta' *data* abbażi tad-distinzjonijiet ikkostruwiti soċjalment.[40]

Madankollu, l-aktar mistoqsija importanti hija, f'liema kategoriji jidhru l-iżvantaġġi u l-inugwaljanzi – hija, pereżempju, il-pajjiż tat-twelid, in-nazzjonalità, il-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon, jew kollha flimkien? U, sa liema punt il-kategoriji użati għall-istatistika dwar l-ugwaljanza jirrappreżentaw b'mod sinifikanti u xieraq in-nies u l-gruppi żvantaġġati kollha fir-rigward tal-oriġini razzjali jew etnika? L-għadd tal-popolazzjoni/l-għadd taċ-ċensiment huwa fejn isseħħ ir-rappreżentanza, u li permezz tiegħu tista' tiġi kkontestata s-setgħa politika. Għalhekk, l-għadd xieraq jippermetti rappreżentanza xierqa, u rappreżentanza xierqa tippermetti protezzjoni xierqa.

[40] Makkonnen, T. (2017), European Handbook on Equality Data (2016 revision).

## Sfidi

- Għal raġunijiet differenti (storiċi, legali, eċċ.), fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, "*il-kunċett ta' razza jew oriġini razzjali ma jintużax fil-ġbir tad-data. Il-mod kif l-oriġini razzjali jew etnika tinftiehem iħalli impatt fuq il-protezzjoni prevista mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u tinforma jekk it-trattament li milli jidher ikun ibbażat fuq indikaturi bħall-istatus ta' immigrazzjoni, in-nazzjonalità, il-lingwa u ċerti prattiki reliġjużi huwiex meqjus bħala diskriminazzjoni diretta jew indiretta, moħbija jew evidenti.*"[41]

- Il-biċċa l-kbira tas-sorsi amministrattivi jużaw indikaturi għall-oriġini razzjali jew etnika, bħaċ-ċittadinanza/in-nazzjonalità, il-pajjiż tat-twelid, il-pajjiż tat-twelid tal-ġenituri, il-lingwa. Madankollu, skont il-*Poverty Measurement – Guide to Data Disaggregation* tal-UNECE, "*l-użu ta' informazzjoni indikattiva jista' jkun ta' sfida għal ċerti gruppi u jeħtieġ li jiġi ttrattat b'attenzjoni. Pereżempju, id-data abbażi tan-nazzjonalità tista' tkun indikatur dgħajjef ħafna għall-etniċità minħabba d-differenzi fil-politiki ta' naturalizzazzjoni, jew għal nies indiġeni jew għal gruppi etniċi awtoktoni.*"[42]

- L-użu ta' indikaturi, għalhekk, iġib ir-riskju ta' "**sottokopertura**": Pereżempju, jekk l-istatistika dwar l-ugwaljanza tkun ibbażata biss fuq il-pajjiż tat-twelid jew in-nazzjonalità (bħala indikatur għall-etniċità/oriġini etnika), dawn jitilfu tipi oħra ta' żvantaġġi u inugwaljanzi li jistgħu jseħħu fir-rigward tal-kulur tal-ġilda, l-oriġini razzjali jew etnika u r-reliġjon, sabiex insemmu ftit minnhom biss. Jew l-użu ta' *data* dwar il-post tat-twelid sabiex jintwera l-impatt tal-COVID-19 fuq il-minoranzi etniċi jew razzjalizzati ma jaqbadx ir-riskju għan-nies ta' dixxendenza Afrikana fit-tieni jew fit-tielet ġenerazzjoni tagħhom. Għalhekk, hemm distakk bejn dak li jista' jintwera permezz ta' indikaturi u dak li jkun rilevanti sabiex wieħed ikun jaf.

- L-użu ta' indikaturi juri r-riskju ta' omoġenizzazzjoni: Pereżempju, "ċittadini tal-UE 'ta' sfond ta' migrazzjoni', 'etniċitajiet ġodda jew mhux b'maġġoranza' jew 'alloktoni' għandhom karatteristika waħda: huma msemmija f'oppożizzjoni binarja għal pajjiż jew l-oriġini etnika tal-popolazzjoni tal-maġġoranza f'dak il-pajjiż. Dawn il-kategoriji huma qarrieqa wkoll, minħabba li jiġbru f'daqqa l-minoranzi f'unità waħda, mingħajr ma jinvestigaw jekk fil-fatt jappartjenux flimkien."[43] Għalhekk, meta jużaw indikaturi, ir-riċerkaturi għandhom jirriflettu fuq l-impatt tal-għażliet tal-kategorija tagħhom fl-analiżi tad-*data*.

- L-indikaturi jikkonfliġġu mal-prinċipju ta' awtoidentifikazzjoni u għalhekk jonqsu milli jirrappreżentaw id-diversità tal-oriġini razzjali jew etnika fis-soċjetà. Pereżempju, fil-każ ta' residenti fit-tul tal-ewwel ġenerazzjoni, l-indikatur "pajjiż tat-twelid" jista' ma jkunx indikatur effiċjenti u operazzjonali għall-etniċità wara 10 snin sa 15-il sena ta' soġġorn fil-pajjiż ta' residenza.

- Il-migrazzjoni (sfond), il-lingwa, il-livelli tal-edukazzjoni u d-*data* dwar il-faqar mhumiex indikaturi effettivi għall-kejl tad-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika.[44] Il-pajjiżi

---

[41] Farkas, L, (2017), *Analysis and comparative review of equality data collection practices in the European Union: Data collection in the field of ethnicity*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 6.

[42] Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) (2020), *Poverty Measurement – Guide to Data Disaggregation*, p. 70.

[43] Farkas, L, (2017), *Analysis and comparative review of equality data collection practices in the European Union: Data collection in the field of ethnicity*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 38.

[44] *Ibid*., p. 6.

li jirrifjutaw li jiġbru *data* abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika fir-rigward tad-diskriminazzjoni għalhekk ipoġġu limitu artifiċjali fuq l-interpretazzjoni tad-drittijiet ta' ugwaljanza, u b'mod aktar speċifiku, l-implimentazzjoni effettiva tal-liġijiet dwar in-nondiskriminazzjoni.

- Id-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika mhijiex dwar kif in-nies jiddefinixxu lilhom infushom iżda kif ħaddieħor jarawhom/jipperċepixxihom. F'dan il-każ, dak li huwa rilevanti huwa l-identifikazzjoni ta' terzi, iżda din l-informazzjoni hija diffiċli sabiex tinġabar f'ċensiment.

## Gwida

- Fin-nuqqas ta' oqfsa xierqa ta' kampjunar, l-użu ta' informazzjoni indikattiva spiss ikun l-uniku mod sabiex jiġu mistħarrġa minoranzi etniċi jew razzjalizzati.
- "*Sabiex titkejjel l-(in)ugwaljanza, jista' jkun importanti li tiġi identifikata l-oriġini razzjali u etnika perċepita bħala dik awtoidentifikata. L-oriġini razzjali (perċepita) hija element importanti tal-esperjenzi ta' diskriminazzjoni tal-Afro-Ewropej u tal-Musulmani Ewropej, kif ukoll tar-Rom.*"[45]
- Minħabba l-kundizzjonijiet tal-għajxien segregati ħafna tar-Rom f'diversi Stati Membri, li jaffettwaw lill-mikroreġjuni kollha, id-*data* dwar il-faqar/l-introjtu tista' tintuża bħala indikatur, speċjalment meta tkun ikkombinata mal-post ġeografiku.[46]
- L-użu ta' indikaturi għandu jkun trasparenti u l-informazzjoni dwar dan għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Pereżempju, in-noti ta' informazzjoni għall-utenti tad-data, li jispjegaw id-definizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tal-indikaturi applikati, għandhom jiżdiedu mal-(meta) informazzjoni teknika għall-ġbir tad-data.
- Fejn ma jkunx jista' jiġi applikat il-prinċipju bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-awtoidentifikazzjoni, dawk li jiġbru d-*data* għandhom jipprevedu r-raffinar u ż-żieda fl-għadd ta' varjabbli/kategoriji ta' indikaturi fis-sorsi u fl-analiżi tad-*data* eżistenti, sabiex tiġi żgurata kopertura komprensiva ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni.
- Maż-żmien, l-indikaturi għandhom jitneħħew gradwalment u s-sistemi tad-*data* għandhom jissaħħu.
- Dawk li jiġbru d-*data* u l-utenti tad-*data* jeħtieġu sorsi tad-*data* multipli u komplementari tad-*data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika, sabiex jippermettu monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni. Madankollu, minħabba l-modi differenti ta' operazzjonalizzazzjoni tal-oriġini razzjali jew etnika, huwa meħtieġ allinjament jew koordinazzjoni ulterjuri bejn sorsi differenti ta' *data* u maż-żmien sabiex tiżdied il-komparabbiltà (ara l-Prinċipju Gwida Nru 3).

## Eżempji ta' prattika nazzjonali

- Eżempji komprensivi ta' prattiki nazzjonali huma pprovduti fir-rapport *Analysis and comparative review of equality data collection practices in the European Union: Data collection in the field of ethnicity.*

[45] Farkas, L, (2017), *Analysis and comparative review of equality data collection practices in the European Union: Data collection in the field of ethnicity*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 6.
[46] *Ibid.*

## 7. Ġbir ta' *data* dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini etnika/razzjali f'oqsma ewlenin tal-ħajja

Id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA regolarment turi l-firxa u n-natura tal-esperjenza tal-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni razzjali/etnika madwar l-UE. Tagħmel dan b'referenza għar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni u oqsma tal-ħajja koperti mil-leġiżlazzjoni applikabbli dwar in-nondiskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE (pereżempju d-direttivi dwar ir-razza u l-ugwaljanza fl-impjiegi).[47]

Id-*data* tal-FRA turi wkoll li l-prevalenza tad-diskriminazzjoni razzjali/etnika għadha konsistentement għolja, kemm maż-żmien kif ukoll fost gruppi differenti tal-popolazzjoni fi Stati Membri differenti. Dan juri wkoll li l-vittmi tad-diskriminazzjoni għandhom it-tendenza li ma jirrapportawx inċidenti li jesperjenzaw lil xi awtorità jew korp għal għadd ta' raġunijiet, inkluż li ma jkunux jafu fejn għandhom jirrikorru.[48]

B'riżultat ta' dan, l-inċidenti għadhom fil-biċċa l-kbira inviżibbli għall-istituzzjonijiet li għandhom obbligu legali li jassistu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, inklużi l-korpi għall-ugwaljanza. Dan il-fenomenu, li huwa magħruf ukoll bħala attrizzjoni ta' każijiet attwali ta' diskriminazzjoni, jirriżulta li huwa sfida konsiderevoli f'dak li għandu x'jaqsam mal-għoti ta' stampa affidabbli dwar il-firxa tad-diskriminazzjoni razzjali/etnika, peress li dan ifisser li parti żgħira biss tad-diskriminazzjoni reali esperjenzata minn nies f'riskju tkun viżibbli (il-"quċċata tal-iceberg"). Għalhekk, id-*data* tal-istħarriġ hija l-aħjar approssimazzjoni tar-realtà fil-prattika.

Id-*data* tal-istħarriġ tal-FRA turi wkoll li, pereżempju, ħafna Rom, Travellers, Musulmani, Lhud u immigranti u d-dixxendenti tagħhom ma jistgħux jgħidu b'ċertezza jekk jesperjenzawx diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew l-etniċità tagħhom, għall-kuntrarju tar-reliġjon jew it-twemmin tagħhom. Id-*data* tal-FRA turi wkoll b'mod konsistenti li ħafna nies madwar l-UE jesperjenzaw diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, abbażi ta' kombinazzjonijiet varjati ta' raġunijiet. *Id-diskriminazzjoni intersezzjonali* hija sitwazzjoni li fiha joperaw diversi tipi ta' diskriminazzjoni u jinteraġixxu ma' xulxin fl-istess ħin b'tali mod li jkunu inseparabbli u jipproduċu tipi speċifiċi ġodda ta' diskriminazzjoni.[49]

---

[47] Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta għar-raġunijiet tal-oriġini razzjali jew etnika. L-Artikolu 3 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva jispeċifika li dan japplika għall-impjiegi u x-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sħubija fl-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jew tal-impjegaturi; il-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; il-vantaġġi soċjali; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-provvista tagħhom li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-akkomodazzjoni. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi tipprojbixxi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 3 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva jispeċifika li dan japplika għall-oqsma tal-impjiegi u x-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sħubija fl-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jew tal-impjegaturi.

[48] FRA (2021), *Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the equality directives*. Il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 13. B'segwitu għal Kimberlé Crenshaw, il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi "*li l-individwi jistgħu jappartjenu għal diversi gruppi żvantaġġati fl-istess ħin, u potenzjalment ibatu minn forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni.*" Ara wkoll id-definizzjonijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) ta' "diskriminazzjoni multipla" fuq: https://eige.europa.eu/thesaurus/terms/1297 u "intersezzjonalità" fuq: https://eige.europa.eu/thesaurus/terms/1492.

[49] *Ibid*, p. 11.

## Raġuni

Id-dokumentazzjoni tad-*data* oġġettiva, affidabbli u komparabbli li tiddokumenta l-esperjenzi tal-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni hija għodda essenzjali għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Kif diġà ssemma', l-indikaturi rari joffru stampa affidabbli tad-diskriminazzjoni li taffettwa l-gruppi razzjalizzati u l-minoranzi etniċi. Il-ġbir ta' *data* dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni ta' gruppi differenti, għal raġunijiet differenti u f'oqsma differenti tal-ħajja huwa wieħed mill-aktar modi effettivi sabiex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Hija għodda b'saħħitha sabiex jiġi mmonitorjat sa liema punt il-preġudizzji razzjali jew etniċi jistgħu jintużaw pereżempju fl-aċċess għall-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, u l-prodotti u s-servizzi, kif ukoll f'laqgħat mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

"*Proċessi, bħall-attribuzzjoni jew l-askrizzjoni, is-segregazzjoni, ir-raggruppament u l-istereotipi joħolqu, jistabbilixxu jew jimponu oriġini razzjali jew etnika. L-identità razzjali jew etnika tista' ma tikkorrispondix ma' dik perċepita jew preżunta minn terzi. L-identità hija fluwida u tista' tinbidel maż-żmien. Madankollu, dan mhux neċessarjament ikollu impatt fuq kif tiġi perċepita dik il-persuna.*"[50] Ċertu livell ta' raggruppament huwa inevitabbli fil-ġbir u l-analiżi tad-*data* statistika, u jista' jkun meħtieġ. Madankollu, dawk li jiġbru d-*data* u l-utenti ta' dan ir-raggruppament għandhom ikunu konxji tar-riskji li tali għażliet ta' raggruppament jistgħu jinvolvu.

## Gwida

- Kwalunkwe mistoqsija dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni għandha tkun preċeduta minn definizzjoni ta' diskriminazzjoni. Huwa essenzjali wkoll li r-rispondenti jkunu jistgħu jmorru lura għal din id-definizzjoni speċifika fi kwalunkwe ħin matul il-ġbir tad-*data*. Għal dan il-għan, dawk li jiġbru d-*data* jeħtieġ li jiżguraw li r-rispondenti jkunu jistgħu jaċċessaw u jifhmu d-definizzjoni pprovduta (kemm permezz tal-użu ta' showcard jew ta' opzjoni li tinqara b'vuċi għolja f'intervista wiċċ imb'wiċċ, jew permezz ta' kaxxi tal-informazzjoni fi stħarriġiet online).
- Jiġi standardizzat il-format tal-mistoqsijiet: il-mistoqsijiet dwar id-diskriminazzjoni razzjali/etnika għandhom isegwu l-istess loġika bħall-mistoqsijiet dwar id-diskriminazzjoni abbażi ta' raġunijiet oħra.
- Mistoqsijiet separati dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni f'oqsma differenti tal-ħajja (bħall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, l-aċċess għall-ġustizzja eċċ.) għandhom ikunu preferuti – minflok ma ssir biss mistoqsija ġenerali waħda dwar id-diskriminazzjoni, mingħajr ma jiġu speċifikati l-oqsma.
- Il-kalkolu tal-prevalenza tad-diskriminazzjoni għal oqsma differenti tal-ħajja jippermetti wkoll lil dawk li jfasslu l-politika jiżviluppaw u jimplimentaw politiki kontra d-diskriminazzjoni mfassla apposta fil-qasam rispettiv tagħhom. Minbarra l-kapaċità li jiġu mmirati oqsma speċifiċi ta' politika, mistoqsijiet separati dwar oqsma differenti tal-ħajja jistgħu jgħinu lir-rispondenti jiftakru inċidenti rilevanti. Inkella, meta ssir mistoqsija waħda, xi rispondenti jistgħu jiffokaw l-aktar fuq sitwazzjonijiet relatati mal-impjiegi jew mal-edukazzjoni, iżda jinsew dwar l-akkomodazzjoni jew il-ħwienet u s-servizzi. Fil-qasam tal-vittimizzazzjoni tal-kriminalità, intwera li mistoqsijiet aktar speċifiċi jwasslu għal prevalenza ġenerali ogħla minn dik li kieku tinkiseb b'inqas mistoqsijiet u b'mistoqsijiet aktar ġenerali.

---

[50] Farkas, L. (2017), The meaning of racial or ethnic origin in EU law: between stereotypes and identities, il-Lussemburgu, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 37.

- Mistoqsijiet dwar esperjenzi diskriminatorji għandhom preferibbilment isiru għal mill-inqas żewġ perjodi ta' żmien differenti, li jippermettu lir-rispondenti jiddifferenzjaw bejn esperjenzi għal żmien qasir u għal żmien twil (pereżempju, fit-12-il xahar jew fl-24 xahar, jew fil-ħames snin qabel stħarriġ).

Din il-proċedura wriet li żżid l-affidabbiltà u l-validità tad-*data*, billi tippermetti lir-rispondenti jirrapportaw dwar l-esperjenzi rilevanti f'fażijiet differenti ta' ħajjithom.[51] Barra minn hekk, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni fuq medda qasira ta' żmien jistgħu jgħinu fil-monitoraġġ tal-effettività ta' miżuri implimentati reċentement. Meta jiġu ddefiniti l-perjodi ta' żmien, dawk li jiġbru d-*data* jistgħu jikkunsidraw ukoll id-definizzjoni ta' ċerti indikaturi li huma partikolarment rilevanti f'dan il-kuntest, bħal pereżempju – l-indikatur [10.3.1 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli](#) (li jfittex li jiddetermina l-proporzjon tal-popolazzjoni li tirrapporta li personalment ħassewhom diskriminati jew iffastidjati fit-12-il xahar preċedenti). Barra minn hekk, il-perjodi ta' żmien jistgħu jintgħażlu wkoll b'mod li jippermetti tqabbil mar-riżultati ta' stħarriġiet oħra, bħall-istħarriġiet regolari tal-FRA.

- Sabiex jidentifikaw l-intensità jew ir-rikorrenza tal-esperjenzi ta' diskriminazzjoni, dawk li jiġbru d-*data* jistgħu jistaqsu lir-rispondenti kemm-il darba, f'perjodu partikolari ta' żmien, ikunu ltaqgħu ma' diskriminazzjoni razzjali jew etnika.

- Sekwenza u segwitu tal-mistoqsijiet: huwa rrakkomandat li t-taqsima dwar id-diskriminazzjoni tibda b'definizzjoni; mistoqsijiet ta' natura attitudinali għandhom jippreċedu mistoqsijiet dwar l-esperjenzi; il-frekwenza u r-reazzjonijiet (bħal li jsir ilment, u jekk iva, lil min).

- Sabiex tiġi identifikata d-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, il-prevalenza tad-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika għandha tiġi eżaminata fir-rigward ta' u flimkien mal-prevalenza tad-diskriminazzjoni għal raġunijiet oħra.[52] Qis kif xieraq il-[Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza](#), u speċifikament il-Linja Gwida Nru 6 "Żgurar tal-komprensività tad-*data* dwar l-ugwaljanza", li tirrakkomanda li l-Istati Membri jintegraw il-kejl tad-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali fis-sistemi eżistenti kollha tal-ġbir tad-*data*; pereżempju, id-*data* miġbura dwar id-diżabilità idealment għandha tinkludi informazzjoni dwar l-oriġini razzjali jew etnika, is-sess, l-età u karatteristiċi potenzjali oħra li jistgħu jwasslu għal riskju ogħla ta' diskriminazzjoni abbażi ta' fatturi multipli jew l-inugwaljanzi intersezzjonali. Din it-tip ta' analiżi ġeneralment teħtieġ daqsijiet ta' kampjuni akbar għal riżultati robusti, u tista' titqies firxa ta' sorsi differenti, inklużi stħarriġiet kbar, *data* amministrattiva u llinkjata.

- L-Istati Membri huma mħeġġa jinkorporaw il-ġbir ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni razzjali/etnika fl-istħarriġiet kollha tal-UE u dawk nazzjonali (bħall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) u l-Istatistika tal-UE dwar il-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC)), billi jinkludu mistoqsijiet/moduli dwar id-diskriminazzjoni. Dan jista' jsir billi jiġu introdotti varjabbli individwali/mistoqsijiet ta' stħarriġ li jkejlu speċifikament id-diskriminazzjoni razzjali/etnika

[51] Ara, pereżempju: FRA (2014), *Violence against women: an EU-wide survey Main results*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, (2015).

[52] B'segwitu għal Kimberlé Crenshaw, il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi "*li l-individwi jistgħu jappartjenu għal diversi gruppi żvantaġġati fl-istess ħin, u potenzjalment ibatu minn forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni.*" Fi; Il-Kummissjoni Ewropea (2007) *Tackling Multiple Discrimination - Practices, policies and laws*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea, 2007, 15.

perċepita jew billi jiġu implimentati regolarment moduli ta' stħarriġ ibbażati fuq il-kwistjonijiet, sabiex ikopru l-firxa ta' kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni razzjali jew etnika, il-fastidju motivat mill-preġudizzju, ir-razziżmu u l-prattiki diskriminatorji ta' tfassil ta' profili.

- Ir-rati ta' parteċipazzjoni u ta' rispons fi stħarriġ jiżdiedu b'mod konsiderevoli "*meta s-suġġett tal-istudju jkun ta' interess dirett għar-rispondenti, bħal fil-każ ta' esperjenzi ta' diskriminazzjoni.*"[53]
- Wettaq riċerka ta' sfond qabel il-ġbir tad-*data*: Qabel l-iżvilupp u d-deċiżjoni dwar kwalunkwe disinn ta' stħarriġ, il-ġbir ta' *data* ta' sfond u informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-konċentrazzjoni tal-gruppi li għandhom jiġu mistħarrġa huma kompitu importanti għal kull ġbir ta' *data*. Deċiżjoni infurmata dwar l-aħjar disinn possibbli tal-kampjunar tista' tittieħed biss wara li jsir immappjar komprensiv tal-informazzjoni dwar il-popolazzjoni fil-mira f'kull pajjiż li jiġi mistħarreġ.[54]
- Ippromwovi l-kondiviżjoni ta' prattika tajba fil-kejl tal-esperjenzi ta' diskriminazzjoni.

## Eżempji ta' prattika nazzjonali

Il-modulu **Irlandiż** dwar [l-Ugwaljanza u d-Diskriminazzjoni]() (għall-ewwel trimestru tal-2019), staqsa mistoqsijiet dwar id-diskriminazzjoni għal oqsma ewlenin tal-ħajja, inklużi d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, l-aċċess u t-trattament fis-servizzi pubbliċi u privati, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa, it-trasport u l-kuntatt mal-pulizija. Sabiex titkejjel l-esperjenza tad-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, saru l-mistoqsijiet li ġejjin (bl-istess mod fl-oqsma kollha):

DISKRIM_1 *"F'dawn l-aħħar sentejn, ħassejtek personalment iddiskriminat fuq il-post tax-xogħol?"*
1. Iva / 2. Le / 3. Mhux applikabbli (ma naħdimx, ma kontx naħdem f'dawn l-aħħar sentejn) / 4. Ma nafx

JEKK DISKRIM_1=1 -> GĦALIEX

GĦALIEX *"Għaliex taħseb li kont iddiskriminat - kienet minħabba?* (Tista' tingħata aktar minn tweġiba waħda)

1. il-Ġeneru tiegħek
2. l-Istat ċivili tiegħek
3. l-Istat tal-familja tiegħek (eż. tqila jew bi tfal jew dipendenti oħra)
4. it-Twemmin reliġjuż tiegħek
5. l-Orjentazzjoni sesswali tiegħek
6. l-Età tiegħek
7. id-Diżabbiltà tiegħek
8. ir-Razza tiegħek (inklużi l-kulur, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika jew nazzjonali)
9. is-Sħubija tiegħek fil-komunità ta' Traveller
10. Oħra (Speċifika)

[53] FRA (2017), *Second European Union Minorities and Discrimination Survey - Technical Report*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 93.

[54] FRA (2017), *Second European Union Minorities and Discrimination Survey - Technical Report*, il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 92

Mistoqsijiet ta' segwitu jistaqsu dwar in-natura tad-diskriminazzjoni, il-frekwenza tagħha, is-severità tal-effett tagħha u jekk tkunx ittieħdet xi azzjoni b'rispons (bħal ilment jew azzjoni legali).

Fil-**Ġermanja**, Each One Teach One (EOTO), organizzazzjoni bbażata fil-komunità bdiet l-#Afrozessus f'kooperazzjoni maċ-Ċittadini għall-Ewropa (CFE), sabiex teżamina l-ħajjiet u l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni tan-nies ta' dixxendenza Afrikana (inklużi n-nies suwed, Afrikani u d-dijaspora Afrikana fil-Ġermanja). Il-proġett kien iffinanzjat mill-Aġenzija Federali tal-Ġermanja kontra d-diskriminazzjoni (FADA). Huwa magħmul minn stħarriġ online u riċerka kwalitattiva (intervisti esperti u gruppi ta' fokus). Il-kwestjonarju fl-istħarriġ online fih diversi moduli. Wieħed minnhom huwa mfassal sabiex jiġbor, fid-dettall, l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti, fl-oqsma rilevanti kollha tal-ħajja. Il-proġett huwa mfassal bħala panel u l-EOTO qed tippjana li terġa' tirrepeti l-istħarriġ online fil-futur sabiex tkejjel ir-razziżmu kontra n-nies suwed maż-żmien.

Fil-**Ġermanja**, Rassismusmonitor - proġett ġdid tad-DeZIM-Institut (iċ-Ċentru Ġermaniż għar-Riċerka dwar l-integrazzjoni u l-Migrazzjoni), iffinanzjat mill-Ministeru Federali għall-Affarijiet tal-Familja, iċ-Ċittadini Anzjani, in-Nisa u ż-Żgħażagħ - għandu l-għan li jeżamina l-kawżi, il-firxa u l-konsegwenzi tar-razziżmu fil-Ġermanja. Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi għodda effettiva għall-monitoraġġ tar-razziżmu billi jikkombina metodi kwantitattivi, kwalitattivi u sperimentali. Minbarra stħarriġ rappreżentattiv tal-popolazzjoni u stħarriġ speċifiku ta' dawk affettwati mir-razziżmu, se jiġu applikati approċċi interdixxiplinarji legali, statistiċi, soċjopsikoloġiċi u approċċi interdixxiplinarji oħrajn.

In-**Norveġja** wettqet l-ewwel stħarriġ tal-popolazzjoni nazzjonali tagħha dwar il-kwalità tal-ħajja fl-2020, li fih ir-rispondenti ġew mistoqsija jekk kinux esperjenzaw trattament agħar minn ħaddieħor (diskriminazzjoni) fl-aħħar 12-il xahar. It-tweġibiet tqassmu fost ir-rispondenti *bi sfond ta' immigrazzjoni, imwielda fin-Norveġja b'ġenituri immigranti* u *mal-bqija tal-popolazzjoni*. Imbagħad, ir-rispondenti ntalbu jagħżlu "ir-raġuni(jiet) għaliex ġew iddiskriminati" mil-lista li ġejja:

- *Età*
- *Ġeneru*
- *Marda/korriment*
- *Diżabbiltà*
- *Sfond etniku*
- *Kulur tal-ġilda*
- *Reliġjon/twemmin*
- *Fehmiet politiċi*
- *Identità sesswali*

## Eżempji mill-istħarriġ tal-FRA

Il-kejl tad-diskriminazzjoni fl-istħarriġ EU-MIDIS tal-FRA: L-istħarriġ EU-MIDIS u l-istħarriġ ta' segwitu dwar ir-Rom, ir-Rom u t-Travellers u l-immigranti u d-dixxendenti jistaqsu lir-rispondenti jekk ikunux ħassewhom iddiskriminati abbażi ta' raġuni waħda jew aktar – il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrazzjoni, ir-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż, is-sess, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, u raġunijiet "oħrajn" – f'oqsma u attivitajiet differenti: meta jkunu qed ifittxu x-xogħol, fuq il-post tax-xogħol, fl-edukazzjoni jew meta jkunu f'kuntatt mal-persunal fl-iskola tat-tfal tagħhom, fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'rabta mal-akkomodazzjoni, u meta jużaw servizzi pubbliċi jew privati (bħat-trasport pubbliku, fl-uffiċċji amministrattivi, meta jidħlu f'night club, f'ristorant jew f'lukanda, u meta jkunu f'ħanut jew meta jkunu deħlin fih).

Ir-rispondenti li rrapportaw diskriminazzjoni abbażi ta' mill-inqas waħda minn tliet raġunijiet speċifiċi – il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew l-isfond ta' immigrazzjoni, u r-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż –

ġew mistoqsija għal aktar dettalji dwar l-inċident, bl-applikazzjoni tat-terminu ġeneriku "sfond etniku jew ta' immigrazzjoni". It-terminu ġeneriku "sfond etniku jew ta' immigrazzjoni" jindika diskriminazzjoni razzjali/etnika kif diskuss f'din in-nota ta' gwida.

**Formulazzjoni u sekwenza tal-mistoqsija**

L-istħarriġ jinkludi definizzjoni tad-diskriminazzjoni, li tintwera lir-rispondenti qabel ma jiġu mistoqsija dwar l-esperjenzi attwali tagħhom ta' diskriminazzjoni: *"Nixtieq nistaqsik ftit mistoqsijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dritt bażiku għandu jiġi ttrattat b'mod ugwali. Madankollu, xi nies jistgħu jesperjenzaw diskriminazzjoni. B'diskriminazzjoni nfissru meta persuna tiġi ttrattata b'mod mhux favorevoli meta mqabbla ma' ħaddieħor minħabba l-kulur tal-ġilda, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilità, l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż tagħha."*

Il-formulazzjoni tal-mistoqsijiet għar-rispondenti li kienu qed ifittxu impjieg fil-ħames snin ta' qabel l-istħarriġ: *"Meta kont tfittex xogħol f'dawn l-aħħar ħames snin*[55]*, qatt ħassejt li kont iddiskriminat abbażi ta' xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin? Għid dak kollu li japplika."*

*1 Il-kulur tal-ġilda jew l-oriġini razzjali*

*2 L-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni*

*3 Ir-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż*

*4 L-età (bħal li kont żgħir wisq jew kbir wisq)*

*5 Is-sess/l-ġeneru (bħal raġel jew mara)*

*6 Id-diżabilità*

*7 L-orjentazzjoni sesswali (bħal gay, leżbjana jew bisesswali)*

*8 L-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru (dan jinkludi pereżempju t-transġeneri, it-trasvestiti jew il-persuni mhux binarji) - JEKK CAPI: INTERVISTATUR: AQRA L-ISPJEGAZZJONI / JEKK CASI/ONLINE: BUTTUNA TAL-INFORMAZZJONI: Pereżempju, persuna li twieldet bħala tifel iżda aktar tard tħossha li hija tifla/mara jew li twieldet bħala tifla u aktar tard tħossha li hija tifel/raġel. Jew persuna li tilbes il-ħwejjeġ li normalment ikunu ddisinjati għas-sess oppost.*

*9 Oħrajn (speċifika): KAXXA B'TEST LIBERU SPEĊIFIKA R-RAĠUNI*

*10 Ma ħassejtx li ġejt iddiskriminajt għal xi raġuni meta kont f'din is-sitwazzjoni*

*-96 - Nippreferi ma ngħid xejn*

*-97 - Mhux nifhem il-mistoqsija*

*-99 - Ma nafx*

Ir-rispondenti li rrapportaw diskriminazzjoni għal mill-inqas waħda mit-tliet raġunijiet speċifiċi – (1) il-kulur tal-ġilda jew l-oriġini razzjali; (2) l-isfond etniku jew ta' immigrazzjoni; (3) ir-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż – ġew mitluba aktar dettalji dwar l-inċident, jekk kienx sar ilment u jekk iva, lil liema istituzzjoni/korp.

## 8. Ipprovdi baġit suffiċjenti għal stħarriġiet regolari li jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali/etnika, b'mod partikolari meta l-ġbir ta' *data* amministrattiva ma jkunx possibbli

### Raġuni

Il-gvernijiet jeħtieġ li jiżguraw li d-*data* dwar l-ugwaljanza tinġabar regolarment, sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-obbligi skont id-dritt tal-UE, anki meta l-ġbir tad-*data* amministrattiva ma jkunx possibbli. F'dawn il-każijiet irid jiġi allokat baġit suffiċjenti fil-livell nazzjonali/reġjonali għall-ġbir ta'

[55] L-istħarriġ tal-FRA jistaqsi dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni għal żewġ perjodi: 12-il xahar u ħames snin qabel l-istħarriġ.

*data* dwar l-ugwaljanza dwar l-oriġini razzjali/etnika permezz ta' stħarriġ nazzjonali/reġjonali regolari mwettaq minn korp kompetenti (jiġifieri wieħed bl-għarfien espert u l-kapaċità rilevanti tar-riċerka).

## Gwida

- Jekk ma jkun hemm l-ebda ġbir regolari ta' *data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika permezz ta' sorsi jew stħarriġ amministrattivi, l-Istati Membri jistgħu jiżguraw **baġit sufficjenti sabiex jiġbru tali *data* permezz ta' stħarriġ nazzjonali komprensiv**, kull erba' jew ħames snin. Stħarriġ bħal dan għandu:
    - ikun rappreżentattiv tal-gruppi fil-mira kollha li huma rilevanti għall-politika għad-diżaggregazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika.
    - jimmira li jirrappreżenta d-diversità tal-komunitajiet/gruppi f'pajjiż li jidentifika lilu nnifsu f'termini ta' oriġini razzjali jew etnika.
    - jimmira li jkopri wkoll il-popolazzjonijiet u l-gruppi li huma definiti bħala "diffiċli sabiex jintlaħqu", inklużi n-nies li jgħixu fil-faqar. Dan jimplika wkoll it-traduzzjoni tal-istrument tal-istħarriġ (kwestjonarju + materjali oħra tal-ħidma fuq il-post) fil-lingwi rilevanti għal dawn il-gruppi, kif ukoll l-involviment ta' organizzazzjonijiet komunitarji, medjaturi, u intervistaturi bejn il-pari.[56]
    - ikun bbażat fuq daqsijiet ta' kampjuni li huma biżżejjed sabiex jippermettu analiżi aktar dettaljata tad-*data* sabiex jiġu identifikati d-disparitajiet ġeografiċi u inugwaljanzi (intersezzjonali). Dan ifisser li d-daqs nett tal-kampjun għandu jkun kbir biżżejjed sabiex jippermetti diżaggregazzjoni ulterjuri tad-*data* fir-rigward tad-distribuzzjoni ġeografika, l-età, is-sess/il-ġeneru, u l-edukazzjoni.
    - ikun jista' jipproduċi *data* affidabbli u valida għall-gruppi fil-mira rilevanti għall-politika kollha – jiġifieri, jagħmel użu minn gwidi u standards aġġornati dwar il-kejl ta' stħarriġ u d-disinn ta' stħarriġ (il-kampjunar) għall-popolazzjonijiet li huma diffiċli sabiex jintlaħqu.
- L-istħarriġiet regolari li jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza relatata mal-oriġini razzjali jew etnika jistgħu jsiru bħala stħarriġ indipendenti b'enfasi speċifika fuq gruppi tal-popolazzjoni li jidentifikaw lilhom infushom f'termini tal-oriġini razzjali jew etnika, jew bħala parti minn stħarriġ ġenerali dwar l-ugwaljanza (jiġifieri, stħarriġ li jkopri wkoll b'mod komprensiv karatteristiċi protetti oħra). Dan jista' jsir fil-livell nazzjonali (u, jekk rilevanti, reġjonali), minn korp kompetenti, minn istitut tal-istatistika jew minn organizzazzjoni tar-riċerka li jkollha l-kapaċità u l-għarfien espert rilevanti tar-riċerka, skont il-prinċipji gwida elenkati qabel (inklużi l-eżerċizzji tal-immappjar u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet eċċ.).

## Eżempji ta' prattika nazzjonali

Fl-**Italja** sar stħarriġ dwar "l-integrazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni" (ISG) mill-Istat fl-2015, kofinanzjat mill-Ministeru għall-Intern u mill-Fond Ewropew tal-UE għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (EFI).

Fl-2021, **il-Lussemburgu** nieda Stħarriġ nazzjonali dwar l-Esperjenzi ta' Razziżmu u Diskriminazzjoni Razzjali u Etnika li jistaqsi mistoqsijiet bħal: Kemm huma mifruxa r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali u etnika fil-Lussemburgu? Liema gruppi ta' nies huma mmirati l-aktar? F'liema kuntesti u

[56] Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) (2020), *Poverty Measurement – Guide to Data Disaggregation*, p. 70. .

sitwazzjonijiet ir-residenti jipperċepixxu atti u trattament diskriminatorji? Fejn u kif tista' tittieħed azzjoni sabiex jiġu miġġielda dawn il-kwistjonijiet?

L-istħarriġ huwa kkoordinat mill-Ministeru għall-Familja, l-Integrazzjoni u r-Reġjun il-Kbir, implimentat mill-Istitut tal-Lussemburgu tar-Riċerka Soċjo-Ekonomika (LISER), bil-parteċipazzjoni tas-*Centre d'étude et de formation interculturelles et sociales*(CEFIS).

Se jiġi ppreżentat kwestjonarju lil 15,000 resident magħżula b'mod aleatorju, b'rappreżentanza żejda ta' gruppi ta' popolazzjoni f'riskju. L-istħarriġ se jkun disponibbli f'ħames lingwi - bil-Franċiż, il-Lussemburgu, il-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Portugiż - u se jitwettaq prinċipalment online. Dan jikkonċerna kemm in-nies nattivi Lussemburgiżi kif ukoll in-nies bi sfond ta' immigrazzjoni.

Il-kwestjonarju jinkludi mistoqsijiet dwar il-karatteristiċi personali tar-rispondenti, il-pożizzjoni tagħhom lejn ir-razziżmu, l-opinjonijiet tagħhom dwar l-immigrazzjoni u d-diversità, il-perċezzjoni tagħhom tad-diskriminazzjoni razzjali u etnika fil-Lussemburgu, esperjenzati bħala xhud jew bħala vittma. Id-*data* miġbura fl-istħarriġ se tintuża sabiex jiġu identifikati s-setturi li fihom huma meħtieġa azzjonijiet speċifiċi. Dawn se jiġu kkunsidrati wkoll fil-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika għall-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Dawn il-kwistjonijiet huma perċepiti f'diversi oqsma bħall-impjiegi, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u n-networks soċjali: racism (liser.lu).

Fin-**Norveġja**, id-Direttorat Norveġiż għat-Tfal, iż-Żgħażagħ u l-Affarijiet tal-Familja kofinanzja Stħarriġ nazzjonali dwar il-kwalità tal-ħajja, flimkien mad-Direttorat Norveġiż għas-Saħħa fl-2020. L-istħarriġ jikkonsisti f'mistoqsijiet dwar il-kwalità tal-ħajja, is-sodisfazzjon bis-saħħa fiżika u mentali tagħhom stess, kif ukoll l-ottimiżmu għall-futur, u l-esperjenza tat-tifsira u l-impenn fil-ħajja ta' kuljum eċċ. L-istħarriġ ġie ripetut fl-2021, u wieħed jittama li jerġa' jsir fil-futur, kemm jekk kull sena kif ukoll jekk anqas ta' spiss.

## Kunsiderazzjonijiet etiċi ulterjuri għall-ġbir ta' *data* abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika[57]

- **Ir-rispondenti kollha għandhom jieħdu sehem b'mod volontarju.** Se jkun partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-gruppi fil-mira ma jħossuhomx mhedda meta jiġu avviċinati sabiex jieħdu sehem fl-istħarriġ, imġiegħla jew obbligati jipparteċipaw fil-biża' ta' konsegwenzi negattivi, u kwalunkwe involviment ma għandux inaqqas il-fiduċja fl-awtoritajiet. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fir-riċerka tista' toffri esperjenza mhux familjari lil ħafna mill-gruppi fil-mira u dan iġib ir-riskju li jqajjem sentimenti ta' mistħija jew biża'. Għalhekk, il-bini tal-fiduċja se jkun ta' importanza kritika.
- **L-użu ta' organizzazzjonijiet komunitarji, medjaturi, u intervistaturi bejn il-pari.** Filwaqt li jistgħu jkunu ta' għajnuna fil-promozzjoni tal-istħarriġ minħabba l-pożizzjoni u l-ilħuq tagħhom fil-komunitajiet tagħhom, huwa importanti li jiġi żgurat li l-gruppi fil-mira ma jħossuhomx taħt pressjoni biex jieħdu sehem u għalhekk id-dipendenza fuq il-mexxejja reliġjużi, pereżempju, għandha titqies bir-reqqa. Fir-rigward ta' intervista bejn il-pari, ta' min wieħed jinnota li xi wħud mill-komunitajiet jistgħu jkunu żgħar, u xi drabi, f'sitwazzjoni ta' intervista, jekk ikun hemm xi ħadd mill-istess grupp etniku matul intervista, jista' jwassal għal tħassib dwar il-privatezza jew għan-nuqqas ta' rieda li jingħataw risposti vera għal mistoqsijiet sensittivi.

[57] Abbażi tal-esperjenza tal-FRA fl-istħarriġ tal-popolazzjonijiet diffiċli sabiex jintlaħqu u tal-minoranzi (etniċi), kif ukoll tal-immigranti u tad-dixxendenti tal-immigranti.

- Bl-istess mod, **il-kunsens infurmat sabiex wieħed jieħu sehem u dwar id-dritt li ma tingħatax tweġiba għal mistoqsija** se jkun kruċjali. Hemm **bżonn ta' komunikazzjoni ċara li tispjega r-riċerka f'termini sempliċi u b'mod li jinftiehem.** Ir-rispondenti jeħtieġ li jiġu offruti mod faċli u ċar sabiex jagħżlu li ma jipparteċipawx fl-istħarriġ.
- Il-ħolqien ta' **ambjent sikur fejn ir-rispondenti jkunu jistgħu jwieġbu mistoqsijiet bil-mod tagħhom, fil-privatezza, mingħajr il-biża' li jinstemgħu minn membri oħra tal-unitajiet domestiċi jew minn persuni li jkunu għaddejjin fil-viċin** jibni fiduċja, itejjeb l-esperjenza tar-rispondent, u fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta f'*data* aħjar.
- **It-tqabbil tal-intervistaturi** (inklużi t-tqabbil tal-ġeneru, it-tqabbil tal-lingwa jew l-esperjenza tal-migrazzjoni) jista' jżid ir-rati ta' tweġibiet kif ukoll l-aċċettazzjoni fost ir-rispondenti u b'hekk itejjeb ir-riżultati tar-riċerka.
- **It-taħriġ tal-intervistatur** għandu jinkorpora moduli ta' diversità u kontra r-razziżmu, sabiex jiġi mminimizzat il-potenzjal għal skumdità meta jkunu f'kuntatt ma' rispondenti.
- Il-prinċipju li tiġi evitata l-ħsara għandu jiġi estiż ukoll sabiex ikopri l-intervistaturi. Peress li l-**intervistaturi jżuru d-djar** ta' nies mhux magħrufa lilhom matul il-proġett, huma jpoġġu lilhom infushom taħt ċertu grad ta' riskju u jistgħu jiltaqgħu ma' rispondenti li għalihom l-intervista tiskatta memorji trawmatiċi.
- Is-sinjalazzjoni lis-**servizzi ta' appoġġ** huwa importanti meta wieħed jittratta l-aktar parti vulnerabbli tal-komunità, bħal dawk li setgħu esperjenzaw oppressjoni, vjolenza, jew trattament ħażin sesswali u li xorta jistgħu jkunu fil-periklu.
- F'xi pajjiżi, **il-mistoqsija dwar l-awtoidentifikazzjoni etnika titqies bħala partikolarment sensittiva u diffiċli.** Huwa rrakkomandat li r-rispondenti jiġu avżati dwarha qabel ma tiġi mistoqsija, u jingħataw l-opportunità li jaqbżuha kompletament jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.
- Il-pajjiżi u dawk li jiġbru d-*data* huma mħeġġa jappoġġaw u jippromwovu s-**"sjieda tad-*data*"** fost il-minoranzi etniċi/razzjalizzati, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni mal-komunitajiet etniċi fl-analiżi tad-*data*, il-preżentazzjoni u t-tixrid tar-riżultati.

## KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

**Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru tiegħek fuq: https://europa.eu/european-union/contact_en

**Bit-telefon jew bl-email**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

– fuq in-numru tat-telefon bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),

– fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew

– bl-email fuq: https://europa.eu/european-union/contact_en

## KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

**Online**

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fis-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_en

**Pubblikazzjonijiet tal-UE**

Tista' tniżżel jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, kemm dawk li huma mingħajr ħlas kif ukoll dawk li huma bi ħlas minn: https://op.europa.eu/en/publications. Tista' tikseb diversi kopji ta' pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru ta' informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_en).

**Id-dritt tal-UE u dokumenti relatati**

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż id-dritt kollu tal-UE mill-1952 fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur EUR-Lex fuq: http://eur-lex.europa.eu

**Data miftuħa mill-UE**

Il-Portal tad-*Data* Miftuħa tal-UE (http://data.europa.eu/euodp/en) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-*data* mill-UE. Id-*data* tista' titniżżel u terġa' tintuża mingħajr ħlas, għall-finijiet kemm kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea